2.3 Jekk il-persuni magħżula jkunu Uffiċjali Pubbliċi li għandhom ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u matul il-perjodu tal-kuntratt, jinħatru fi grad bi skala ta' salarju ogħla minn Skala 11, huma jkunu meħtieġa li jirrinunzjaw d-doveri ta' *ICT Support Officer* u jkunu trasferiti għal doveri relatati mal-grad il-ġdid tagħhom. Iżda, jekk is-salarju sustantiv ta' persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala 11 permezz ta' *progression*, il-persuna titħalla tkompli l-perjodu ta' l-ingaġġ tagħha kif provdut bil-kuntratt fis-seħħ.

3. Is-salarju għall-pożizzjoni ta' *ICT Support Officer* fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin huwa ta' massimu ta' skala 11 (Lm6,237 fis-sena). F'każ li l-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħha u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

4.1 Id-dmirijiet ta' *ICT Support Officer* fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin jinkludu:

(a) Tassisti fl-analiżi, ix-xiri, implementazzjoni u evalwazzjoni ta' *IT hardware* u *software*;
(b) Tikkoordina proġetti ma' terzi persuni;

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Positions of Information and Communications Technology (ICT) Support Officer within the Ministry of Foreign Affairs

The Public Service Commission invites applications for the positions of Information and Communications Technology (ICT) Support Officer within the Ministry of Foreign Affairs.

2.1 The selected candidates will enter into a one year contract as ICT Support Officer within the Ministry of Foreign Affairs. Unsatisfactory performance as ICT Support Officer during the contract period will lead to termination of contract.

2.2 If the selected candidates are Public Officers holding a substantive appointment in the Malta Public Service, they will retain their substantive grade during the contractual period and will return to their substantive grade on termination of the contract. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service, his/her employment with the Ministry of Foreign Affairs as well as with the Maltese Government will be discontinued in case of termination of contract.

2.3 If a selected candidate is a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service and, during the contract period, is appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 11, he/she will be required to relinquish the duties of ICT Support Officer in the Ministry of Foreign Affairs and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. However, if the substantive salary of a selected officer becomes higher than the maximum of Salary Scale 11 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the contract in force.

3. The position of ICT Support Officer in the Ministry of Foreign Affairs carries a salary equivalent to the maximum of salary scale 11 (currently Lm6,237 per annum). In case that a selected applicant is a Public Officer with a substantive grade in the Malta Public Service, the difference between the salary to which he/she is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

4.1 The duties of ICT Support Officer at the Ministry of Foreign Affairs includes:

(a) Assisting in the analysis, purchase, implementation and evaluation of IT hardware and software;
(b) Coordinating projects with third parties;

(ċ) Tikkonforma ma' rekwiżiti ta' *Data Protection*;

(d) Tamministra l-*website* tal-Ministeru;

(e) Tassigura l-integrità u s-sigurtà tas-sistemi ta' informazzjoni skond il-*policies* tal-Gvern;

(f) Tipprovdi sapport fuq *Internet/Intranet/Extranet,* manutenzjoni fuq in-*network* kif ukoll tipprovdi servizzi oħra ta' *IT*, u l-applikazzjoni tagħhom;

(g) Tassigura li s-sistema topera kif suppost;

(h) Tistalla, tispezzjona u tagħmel manutenzjoni fuq *hardware u software* skond il-bżonn u skond il-*policies*, *standards* u direttivi tal-Gvern;

(i) Tirrispondi għall-mistoqsijiet fuq is-sistema u tagħmel analiżi ta' problemi fuq *hardware* u *software*;

(j) Tirrakkomanda jew tipprovdi rimedju għall-problemi inklużi tiswija ta' difetti fuq *hardware* u tagħmel *upgrades* fuq *hardware* u *software*;

(k) Tieħu taħriġ fuq teknoloġiji ġodda jew dawk relatati ma' proġetti fil-futur. Dan it-taħriġ jista' jinkludi imma mhux limitat biss għal *website maintenance*;

(l) Tagħmel xogħol ieħor relatat ma' *ICT* li jista' jingħata.

5. L-applikanti għandhom ikunu:-

(a) ċittadini ta' Malta;

(b) (i) ikollhom diploma rikonoxxuta, jew kwalifika komparabbli xierqa u rikonoxxuta, relatata mal-qasam ta' l-ICT;

jew

(ii) ikollhom mill-inqas tliet snin esperjenza fil-qasam ta' l-ICT.

(ċ) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47),* filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti u jagħtu d-dettalji).

6.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

(c) Complying with Data Protection requirements;

(d) Administering the Ministry's website;

(e) Ensuring Information Systems integrity and security as required by government policies;

(f) Providing Internet/ Intranet/Extranet support including overseeing the maintenance of the physical network, deployment of IT services and applications;

(g) Ensuring correct system operation;

(h) Installing, inspecting and maintaining computer hardware and software as required and in accordance with government standards, policies and directives;

(i) Responding to enquiries and regarding system operation from users, and diagnosing hardware and software problems;

(j) Recommending or performing remedial actions to correct problems including the fixing of defective hardware and performing hardware and software upgrades;

(k) Obtaining training on new technologies or related to future technical assignments. These may include, but may not be limited to website maintenance;

(l) Other ICT-related works or projects as assigned from time to time.

5. Applicants must:-

(a) be citizens of Malta;

(b) (i) be in possession of a recognised diploma, or an appropriate recognised, comparable qualification, pertinent to the ICT field;

or

(ii) have at least three years experience in the ICT field.

(c) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service giving details).

6.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

6.2 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma' jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

6.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

7.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

7.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

7.2 Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru rapport ta' evalwazzjoni dwar il-komparabilità ta' kwalifiki maħruġ mill-Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieg jew l-awtorità konċernata, skond il-każ, liema rapport għandu jiġi mehmuż ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali jintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx dan ir-rapport ikunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tar-rapport maħruġ mill-awtorità pertinenti lid-dipartiment riċeventi kif ikun għad-disposizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

7.2 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce an evaluation report on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which report should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this report may still apply, provided that they submit a copy of the report by the pertinent authority to the receiving department as soon as it becomes available and in any case by not later than one month from the closing date of the call for applications.

8.1 L-applikanti eliġibbli jkunu jridu joqogħdu għal intervista minn Bord ta' l-Għażla biex jiġi aċċertat min minnhom huwa adatt għal din il-pożizzjoni.

8.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

8.2 Ir-riżultat ta' l-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Barranin, Palazzo Parisio, Triq il-Merkanti, Valletta.

8.2 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Ministry of Foreign Affairs, Palazzo Parisio, Triq il-Merkanti, Valletta.

8.3 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

8.3 A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A Press notice will also be issued to all local media organisations.

8.4 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-Public Service Management Code għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

8.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the publication of the notice in the Government Gazette.

9. Malli tkun ingaġġata, persuna magħżula tintrabat bil-kundizzjonijiet, kif aġġornati minn żmien għal żmien, kif hemm stipulat fl-*agreement* li japplika għal dawk l-uffiċjali pubbliċi li m'għandhomx/għandhom ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, liema *agreement* jidher f'Appendiċi VIII u IX tal-Public Service Management Code rispettivament. Wieħed jista' jara l-Public Service Management Code fuq il-*website* tal-Management and Personnel Office fl-indirizz:- http://www.mpo.gov.mt.

10. Il-persuni magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi assigurat li huma adatti għal din il-pożizzjoni.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:-*

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mill-uffiċċju tas-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Affarijiet Barranin, Triq il-Merkanti, Valletta.

12. L-applikazzjonijiet flimkien mal-*curriculum vitae* li juru l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mill-uffiċċju tas-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Affarijiet Barranin, Triq il-Merkanti, Valletta, sa mhux aktar tard minnofsinhar ta' nhar il-Ħamis, is-7 ta' Diċembru 2006.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ħamis, 7 ta' Diċembru 2006 jiġu kkunsidrati, basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. Il-formola ta' l-applikazzjoni ffirmata mill-applikant/a trid tasal l-uffiċċju tas-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Affarijiet Barranin, Triq il-Merkanti, Valletta, mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment riċeventi huwa + 356 2123 6604.

14. (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

9. On engagement, a selected applicant will be bound by the terms and conditions, as updated from time to time, stipulated in the agreement for public officers not holding/holding a substantive appointment in the Malta Public Service, as applicable, included as Appendices VIII and IX respectively in the Public Service Management Code accessible from the MPO website at address:- http://www.mpo.gov.mt.

10. The selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the position.

11. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Office of the Permanent Secretary, Ministry of Foreign Affairs, Palazzo Parisio, Triq il-Merkanti, Valletta.

12. Applications, together with a curriculum vitae including qualifications and experience, will be received in the first instance by the Office of the Permanent Secretary, Ministry of Foreign Affairs, Palazzo Parisio, Merchants Street, Valletta, by not later than noon of Thursday, 7th December 2006.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Thursday, 7th December 2006 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Office of the Permanent Secretary, Ministry of Foreign Affairs, Palazzo Parisio, Merchants Street, Valletta, by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Department is + 356 2123 6604.

14. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Ministry of Foreign Affairs within seven (7) days.

AWTORITÀ TA' L-ISTATISTIKA TA' MALTA

Post ta' *Financial Controller* fl-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika

L-Awtorità ta' l-Istatistika ta' Malta tgħarraf li tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' *Financial Controller* fl-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika.

2. Din in-nomina, li tkun soġġetta għal żmien bi prova ta' sena, hija fuq bażi *full-time* b'kuntratt ta' tliet snin, liema kuntratt jista' jiġġedded għal perjodi oħra, u soġġetta għar-regoli u regolamenti li jirregolaw minn żmien għal żmien l-Awtorità ta' l-Istatistika ta' Malta.

3. Id-dmirijiet ta' *Financial Controller* jinkludu li:

Jikkontrolla s-sezzjoni ta' l-*Accounts;*
Jżomm dokumentazzjoni sħiħa ta' kontijiet;
Jagħmel stħarriġ finanzjarju u verifika;
Jagħti pariri dwar xiri u bejgħ ta' assi u finanzjament kapitali;
Jgħin fil-preparazzjoni tal-*Business Plan;*
Jgħin fit-tfassil ta' *policies* dwar *budgets* u kontijiet;

Jipproduċi *management accounts* kull xahar u jinterpretahom;
Jieħu responsabbiltà tal-pagi ta' l-Awtorità;
Iżomm l-inventarju;
Jagħmel sejħiet għal stimi *(quotations)* u offerti *(tenders).*

4. L-applikanti għandhom:

a) i.ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

ii. ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

iii. ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-U.E. għall- moviment ħieles ta' persuni; (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

iv. il-konjuġi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġislazzjoni eżistenti.

Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

MALTA STATISTICS AUTHORITY

Post of Financial Controller at the National Statistics Office

The Malta Statistics Authority invites applications for the filling of the post of Financial Controller at the National Statistics Office.

The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and on a three-year contract which may be renewed for further periods. The appointment is subject to the rules and regulations governing from time to time employment with the Malta Statistics Authority.

The duties of Financial Controller include:

Take control of the Accounts Section;
Maintains full accounting documentation;
Carries out financial investigations and audits;
Gives professional advice regarding purchase and sale of assets and capital financing;
Assists in the preparation of the Business Plan;
Assists in the formulation of budgetary and accounting policies;
Prepares Management Accounts and interprets their results;
Assumes responsibility for the payment of staff salaries;
Keeps an inventory of assets;
Calls for quotations and tenders.

4. Applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) be citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) be citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply; (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) be the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation.

This should be determined with the advice of the Director, Department of Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Justice and Home Affairs.

Il-ħatra ta' kandidati li hemm riferenza għaliha fil-paragrafi (ii), (iii) u (iv) aktar qabel tkun tinħtieġ li tinħareġ liċenza ta' l-impieg għaliha sakemm din tkun meħtieġa mill-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġislazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom *warrant* ta' *Chartered Public Accountant;*

d) ikunu ta' karattru morali tajjeb. Għandu jiġi ppreżentat ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (xhur) qabel id-data ta' din is-sejħa. Impjegati fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jistgħu japplikaw iżda jkunu jridu jirriżenjaw jekk jintgħażlu għal din il-pożizzjoni.

e) ikunu jafu sewwa l-programm *Sage 50 accounting package*.

f) jagħtu prova tal-kompetenza tagħhom fl-użu tal-kompjuter.

5. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minn-naħa tal-Management and Personnel Office.

Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Direttur Ġenerali, Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika, Lascaris, Valletta CMR 02 u tkun ikkupjata lill-KNPD, sad-data ta' l-għeluq.

6. Applikazzjonijiet *handwritten* flimkien ma' *curriculum vitae* dettaljat li juri l-kwalifiki u l-esperjenza ta' xogħol, kif ukoll kopji ta' ċertifikati u dokumenti oħra għandhom jintbagħtu lid-Direttur Ġenerali, Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika, Lascaris, Valletta CMR 02. Ċertifikati u dokumenti oħra oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista.

7. Il-persuna li tinħatar fil-post ta' *Financial Controller* tista' tkun meħtieġa ssegwi studju u/jew taħriġ f'Malta jew barra minn Malta. F'dan il-każ, il-*Financial Controller* ikun/tkun marbut/a bir-regoli u regolamenti ta' l-Awtorità ta' l-Istatistika ta' Malta.

8. L-applikanti eliġibbli jiġu intervistati minn Bord ta' Għażla sabiex jiġi stabbilit kemm ikunu adatti għal dan il-post.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English languages;

c) Hold the warrant of Chartered Public Accountant.

d) Be of good moral character. A recent Police certificate of conduct or of another competent Authority issued not earlier than six (6) months from the date of this call should be presented. Employees serving in the Public Service of Malta may also apply but they must resign their position if chosen for the post of Financial Controller.

e) Have good knowledge of Sage 50 accounting package.

f) Prove their competence in computer use.

5. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office.

Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents, which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Director General, National Statistics Office, Lascaris, Valletta CMR 02 and copied to the NCPD, by the closing date.

6. Handwritten applications together with a detailed curriculum vitae showing qualifications and work experience, together with copies of certificates and testimonials should be sent to the Director General, National Statistics Office, Lascaris, Valletta CMR 02. Original certificates and testimonials should be produced for verification during the interview.

7. The person appointed to the position of Financial Controller may be required to follow courses andċor training locally or abroad. In this case, the appointee will be bound by the rules and regulations of the Malta Statistics Authority.

8. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to establish whether they are suitable for this post.

9. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għall-eżami mediku biex jiġi aċċertat li tkun adatta għal dan il-post.

10. Applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika, Lascaris, Valletta CMR 02 sa mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ġimgħa, l-1 ta' Diċembru, 2006.

11. Applikazzjonijiet li jiġu minn barra minn Malta permezz tal-posta, *fax* jew *e-mail* sad-data ta' l-għeluq jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji rikjesti kollha. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal fl-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* ta' l-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika huwa (+356) 2599 7103 u l-indirizz ta' l-*e-mail* huwa nso@gov.mt

12. Tingħata irċevuta minnufih mid-Direttur Ġenerali, Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika għal kull applikazzjoni li titwassal personalment.

13. Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jiġu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu mhux aktar tard mid-data ta' l-għeluq. Tintbagħat irċevuta mid-Direttur Ġenerali, Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika fi żmien sebat (7) ijiem.

Numru tal-Permess ta' l-ETC: 188/2006

L-10 ta' Novembru 2006

9. The selected applicant will be medically examined to ascertain hisċher fitness for the post.

10. Applications will be received in the first instance by the Director General, National Statistics Office, Lascaris, Valletta CMR 02 by not later than noon of Friday 1st December, 2006.

11. Applications received from abroad by post, fax or e-mail by the closing date may be considered, provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the National Statistics Office by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The National Statistics Office fax number is (+356) 2599 7103 and e-mail address nso@gov.mt

12. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director General, National Statistics Office and a receipt will be given at the time of delivery.

13. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director General, National Statistics Office within seven (7) days.

ETC Permit No. 180/2006.

10th November 2006

IL-KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi - *Lecturing staff* fix-Xjenza Sportiva

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jinħtieġ jingaġġa assistent lettur/lettur fix-Xjenza Sportiva biex tagħti korsijiet tal-BTEC fix-Xjenza Sportiva u ta' l-Eżerċizzju/Żvilupp u *Fitness* f'Livelli 2 u 3.

L-applikanti għandu jkollhom kwalifika fix-Xjenza Sportiva jew suġġett relatat. Preferibbilment għandhom ikunu għalliema ta' l-Edukazzjoni Fiżika u/jew *coach* f'dixxiplina sportiva. Ikun ta' vantaġġ min ikollu *warrant* ta' għalliem.

L-applikanti huma meħtieġa li jibagħtu l-Formola ta' l-Applikazzjoni ta' l-MCAST mimlija fl-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, Kampus Prinċipali ta' l-MCAST, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid, mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa, is-17 ta' Novembru 2006. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jinkisbu *online* u mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jkunux ikkunsidrati. Aktar informazzjoni tista' tinkiseb minn dan l-indirizz:

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies - Lecturing staff in Sports Science

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to recruit an assistant lecturer/lecturer in Sports Science to teach on the BTEC courses in Sports and Exercise Science/Development and Fitness at Levels 2 and 3.

Applicants should have a qualification in Sports Science or a related subject. Preferably they should be a P.E. teacher and/or a coach in a sports discipline. Possession of a teacher's warrant would be an advantage.

Applicants are required to submit the completed MCAST Application Form to the Human Resources Office, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola, by not later than Friday, 17th November 2006. Application forms are available online and from the Human Resources Office. Late applications will not be considered. If further information is required, please refer to the address below.

Kampus Prinċipali ta' l-MCAST,
It-Telgħa ta' Kordin,
Raħal Ġdid PLA 08
Tel: 2398 7100 F a x: 2398 7316
www.mcast.edu.mt

L-10 ta' Novembru, 2006

MCAST Main Campus,
Corradino H i l l,
Paola P L A 0 8
Te l: 2398 7100 F a x: 2398 7316
www.mcast.edu.mt

10th November, 2006

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Ingaġġ ta' Skrivani *Part-Time* fi Skejjel Statali

Id-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni jgħarraf illi l-isem ta' l-iskola fis-sejħa għall-applikazzjonijiet imsemmija hawn fuq ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-3 ta' Novembru, 2006, f'paġna 9382, kellu jkun kif ġej:

Junior Lyceum tas-Subien ta' Tas-Sliema, Triq Blanche Huber, Tas-Sliema.

L-10 ta' Novembru, 2006

EDUCATION DIVISION

Engagement of Part-Time Clerks in State Schools

The Director General, Education Division, notifies that the name of the school in the above call of applications published in the Government Gazette dated 3rd November, 2006, on page 9382, should have read:

Sliema Boys' Junior Lyceum, Triq Blanche Huber, Sliema.

10th November, 2006

MINISTERU TAL-FINANZI

Riżultat għall-Intervista għall-Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjonijiet ta' *Programme Manager (Enforcement)* - Taqsima tat-Taxxa tal-Valur Miżjud - Ministeru tal-Finanzi

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru tal-Finanzi, jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat għall-intervista għall-pożizzjoni msemmija hawn fuq fin-*notice-board* prinċipali tal-Ministeru tal-Finanzi, 30, Triq Nofsinhar, Valletta,u fuq in-*notice-board* fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

L-10 ta' Novembru, 2006

MINISTRY OF FINANCE

Result of the Interview for the Engagement on Contract in the Positions of Programme Manager (Enforcement) in the VAT Division - Ministry of Finance

The Permanent Secretary in the Ministry of Finance notifies that the result of the interview for the above-mentioned position may be viewed on the main notice-board at the Ministry of Finance, 30, Triq Nofsinhar, Valletta and on the notice-board at the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

10th November, 2006

MINISTERU GĦAR-RIŻORSI U INFRASTRUTTURA

Riżultat għall-Intervisti għall-Postijiet ta' *Principal Public Cleansing Officer* fid-Dipartiment tas-Servizzi tat-Tindif, Taqsima tas-Servizzi fil-Ministeru għar-Riżorsi u Infrastruttura

Id-Direttur Ġenerali (Servizzi) jgħarraf illi ġie ppubblikat ir-riżulat ta' l-intervisti għall-postijiet imsemmija hawn fuq u wieħed jista' jarah fin-*notice-board* fi Project House, il-Furjana, u fuq in-*notice-board* fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

L-10 ta' Novembru, 2006

MINISTRY FOR RESOURCES AND INFRASTRUCTURE

Results of Interviews for the Posts of Principal Public Cleansing Officer in the Cleansing Services Department, Services Division, Ministry for Resources and Infrastructure

The Director General (Services) notifies that the result of the interviews for the above-mentioned posts has been published and may be viewed on the notice-board at Project House, Floriana, and at the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

10th November, 2006

STAMPERIJA TAL-GVERN

Riżultat tat-Test/Intervista għall-Post ta' *Assistant Chief Printer* fl-Istamperija tal-Gvern

Id-Direttur, Stamperija tal-Gvern, jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat tat-test/intervista għall-post imsemmi hawn fuq fin-*notice-board* prinċipali ta' l-Istamperija tal-Gvern, A29, Qasam Industrijali, il-Marsa, u n-*notice-board* ta' l-uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

L-10 ta' Novembru, 2006

GOVERNMENT PRINTING PRESS

Result of Test/Interview for the Post of Assistant Chief Printer at the Government Printing Press

The Director, Government Printing Press, notifies that the result of the test/interview for the above mentioned post may be viewed on the main notice-board at the Government Printing Press, A29, Industrial Estate, Marsa, and on the notice-board of the office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

10th November, 2006

DIPARTIMENT TA' L-AVJAZZJONI ĊIVILI

Riżultat ta' Intervisti għall-Post ta' *Foreman* fit-Taqsima tal-*Motor Transport* fid-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Ċivili

Id-Direttur Ġenerali, Avjazzjoni Ċivili, jgħarraf li r-riżultat għall-intervisti għall-post imsemmi hawn fuq ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fuq in-*notice-board* fit-Taqsima ta' l-Impjegati, Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Ċivili, Ħal Luqa, u fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

L-10 ta' Novembru, 2006

CIVIL AVIATION DEPARTMENT

Result of the Interviews for the Post of Foreman in the Motor Transport Section in the Department of Civil Aviation

The Director-General, Civil Aviation, notifies that the result for the above-mentioned post has been published and can be viewed on the notice-board of the Personnel Section, Department of Civil Aviation, Luqa, and at the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

10th November, 2006

QRATI TAL-ĠUSTIZZJA

Riżultat għall-Post ta' Messaġġier tal-Qorti fid-Diviżjoni tal-Qrati tal-Ġustizzja

Id-Direttur Ġenerali, Qrati tal-Ġustizzja, jgħarraf li r-riżultat għall-post imsemmi hawn fuq ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fuq in-*notice-board* (pjan terren) fid-Diviżjoni tal-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta u fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

L-10 ta' Novembru, 2006

COURTS OF JUSTICE DIVISION

Result for the Post of Court Messenger at the Courts of Justice Division

The Director-General, Courts of Justice Division, notifies that the result for the above-mentioned post has been published and can be viewed on the notice-board (ground floor) of the Courts of Justice Division, Triq ir-Repubblika, Valletta and at the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

10th November, 2006

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

Riżultat għal Post ta' Deputati Reġistraturi fid-Dipartiment tal-*Customer Services* (Qorti tal-Maġistrati Għawdex)

Id-Direttur tal-*Customer Services* jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat għall-post imsemmi hawn fuq fin-*notice-board* tal-Ministeru għal Għawdex fi Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex u fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

L-10 ta' Novembru, 2006

MINISTRY FOR GOZO

Result for the Post of Deputy Registrars in the Department of Customer Services (Gozo Courts of Magistrates)

The Director Customer Services notifies that the result for the post mentioned above can be viewed on the notice- board of the Ministry for Gozo, St Francis Square, Victoria, Gozo and on the notice-board at the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

10th November, 2006

MINISTERU TAS-SAĦĦA,
L-ANZJANI U KURA FIL-KOMUNITÀ

Riżultat ta' l-Intervista għall-Postijiet ta' *Senior House Officer* fid-Dipartiment tal-Mediċina fid-Diviżjoni tas-Saħħa fi ħdan il-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Id-Direttur Ġenerali, jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat ta' l-intervista għall-post imsemmi hawn fuq fin-*notice-board* prinċipali fid-Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta u fuq in-*notice-board* ta' l-uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

L-10 ta' Novembru, 2006

MINISTRY OF HEALTH, THE ELDERLY AND COMMUNITY CARE

Result of Interview for the Posts of Senior House Officer in the Department of Medicine in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Director General notifies that the result of the interview for the above-mentioned posts may be viewed on the main notice-board in the Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, and on the notice-board of the office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

10th November, 2006

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

Avviż

Bis-saħħa tar-regolament 88 tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, il-Kummissjonarji Elettorali b'dan javżaw illi se ssir elezzjoni każwali biex jimtela l-post ta' Kunsillier għall-Kunsill Lokali tax-Xgħajra.

E.R GATT
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Valletta.

L-10 ta' Novembru, 2006

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

Notice

By virtue of regulation 88 of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993, the Electoral Commissioners hereby notify that a casual election is being held to fill the vacancy of a Councillor for the Local Council of Xgħajra.

E.R GATT
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

10th November, 2006

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

Avviż

Skond id-dispożizzjonijiet tar-regolament 89 tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, il-Kummissjonarji Elettorali javżaw illi huma se jkunu fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali, Evans Building, Misraħ Sant'Jiermu, Valletta, nhar it-Tnejn 13, it-Tlieta 14 u l-Erbgħa 15 ta' Novembru, 2006 mill-10.00 a.m. sa nofsinhar biex jirċievu nominazzjonijiet ta' kandidati għall-elezzjoni każwali ta' Kunsillier għall-Kunsill Lokali tax-Xgħajra.

E.R GATT
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Valletta.

L-10 ta' Novembru, 2006

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

Notice

In accordance with the provisions of regulation 89 of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993, the Electoral Commissioners notify that they will be in attendance at the Office of the Electoral Commission, Evans Building, St Elmo Square, Valletta on Monday 13th, Tuesday 14th and Wednesday 15th November, 2006 from 10.00 a.m. to noon to receive nominations of candidates for the casual election of Councillor for the Local Council of Xgħajra.

E.R GATT
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

10th November, 2006

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti maghluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, l-14 ta' Novembru, 2006, għal:

CT 357/2006. Provvista ta' kapsoli *phenytoin sodium 100mg* – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fid-19 ta' Settembru 2006.

CT 362/2006. Bini ta' tliet (3) appartamenti u tlesstija ta' partijiet komuni fi *Plot* 8, Triq il-Fieres, Ħal Tarxien - Awtorità tad-Djar. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mill-Awtorità tad-Djar, 12, Triq Pietro Floriani, Floriana, bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar wara li jitħallas dritt ta' Lm30 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, is-16 ta' Novembru, 2006, għal:

CT 367/2006. Xogħlijiet ta' dekorazzjoni fl-Iskola Sekondarja tas-Subien, Verdala, Bormla - Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' Lm35 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 368/2006. Bini ta' sala ta' l-iskola, *canteen,* librerija u faċilitajiet anċillari fil-Kulleġġ San Benedittu f'Ħal Kirkop - Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' Lm100 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 358/2006. Provvista u stallazzjoni ta' sistemi mekkaniċi u ta' l-elettriku fl-iskola ġdida, Liceo Giuseppe Despott, Bormla - Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' Lm100 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, il-21 ta' Novembru, 2006, għal:

CT 371/2006. Xogħol ta' rinovar fil-fabbriki GGX002 u GGX005 fil-Qasam Industrijali tax-Xewkija, Għawdex - Malta Industrial Parks. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 372/2006. Provvista ta' *isoflurane inhalation* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT/392/2006. Bejgħ *tale qual*e ta' vettura qadima tal-Gvern tat-tip Mazda GVN 103 mid-Dipartiment tal-Kuntratti – Dipartiment tal-Kuntratti.

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following advertisements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 14th November, 2006, for:

CT 357/2006. Supply of phenytoin sodium 100mg capsules – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on the 19th September 2006.

CT 362/2006. Construction of three (3) apartments and finishing of common parts on Plot 8, Triq il-Fieres, Tarxien - Housing Authority. Tender documents may be collected from the Housing Authority, 12, Triq Pietro Floriani, Floriana, between 8.30 a.m. and noon against a fee of Lm30 for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 16th November, 2006, for:

CT 367/2006. Decoration works at the Boys' Secondary School, Verdala, Cospicua - Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of Lm35 will be charged for each copy of tender document.

CT 368/2006. Construction of a school hall, canteen, library and ancillary facilities at Saint Benedict's College, Kirkop - Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of Lm100 will be charged for each copy of tender document.

CT 358/2006. Supply and installation of mechanical and electrical systems at the new school, Giuseppe Despott Lyceum, Cospicua - Foundation for Tomorrows Schools. A fee of Lm100 will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 21st November, 2006, for:

CT 371/2006. Refurbishing works to be carried out at factories GGX002 and GGX005, Xewkija Industrial Estate, Gozo - Malta Industrial Parks. A fee of Lm50 will be charged for each copy of tender document.

CT 372/2006. Supply of isoflurane inhalation - Health Division.

CT/392/2006. Sale *tale quale* of Government old vehicle Mazda GVN 103 from the Contracts Department – Contracts Department.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-23 ta' Novembru, 2006, għal:

CT 376/2006. Provvista ta' pilloli *pimozide 4mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 377/2006. Bini ta' skola ġdida sekondarja Taż-Żokrija, il-Mosta - Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' Lm100 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 378/2006. Provvista ta' pilloli *morphine sulphate 30mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 379/2006. Provvista ta' pilloli *ondansetron 4mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 380/2006. Provvista ta' pilloli *topiramate 50mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 373/2006. Provvista ta' pilloli *trifluoperazine 1mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 374/2006. Provvista ta' *monofilament polyamide* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 375/2006. Provvista ta' *caspofungin 50mg vials* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 381/2006. Provvista ta' injezzjonijiet *clindamycin phosphate 300mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 382/2006. Provvista ta' *sodium valpoate syrup* - Diviżjoni tas-Saħħa.

Avviż Nru. MST 777/06. *Diphtheria and tetanus vaccine - adult.*

All quotations listed above can be downloaded from:

http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?page=241.

Further information regarding the quantities and conditions of these quotations may be obtained from the Government Pharmaceutical Services, Guardamangia, between 8.00 a.m. and noon.

10th November, 2006

GOVERNMENT PHARMACEUTICAL SERVICES

The Director, Government Pharmaceutical Services, Guardamangia notifies that:

Sealed tenders will be received in the Tender Box No. 2 (Colour Brown) up to 10.00 a.m. on Monday, 11th December, 2006, for the supply of:-

Advt. No. MST 757/06. 3 way stopcocks with endocaps.

Advt. No. MST 758/06. Bipolar coagulation forceps, straight.

Advt. No. MST 759/06. Masks medium concentration paediatric.

Advt. No. MST 760/06. Catheters suction size 8Fg.

Advt. No. MST 761/06. Enoxaparin 100mg/ml in 1ml syringes.

Advt. No. MST 762/06. Enoxaparin 100mg/ml in 0.4ml syringes.

Advt. No. MST 763/06. Enoxaparin 100mg/ml in 0.6ml syringes.

Advt. No. MST 764/06. Enoxaparin 100mg/ml in 0.8ml syringes.

Advt. No. MST 765/06. Double lumen hickman catheter, size 9FR.

Advt. No. MST 766/06. Venous catherisation set, polyurethane.

Advt. No. MST 767/06. Metoclopramide HCl 10mg injections.

Advt. No. MST 768/06. 4.9mm locking bolts for interlocking nails.

Advt. No. MST 769/06. Scalpel blades with handle, size 11.

Advt. No. MST 770/06. Transthoracic disposable external pacing electrodes.

Advt. No. MST 771/06. Soft cervical collars - medium.

Advt. No. MST 772/06. Wide angle endoilluminators.

Advt. No. MST 773/06. Bumetanide 5mg tablets.

Advt. No. MST 774/06. Prolene W 8556.

Advt. No. MST 775/06. Milk substitute powder.

Advt. No. MST 776/06. Y'connectors 3/8" x 3/8" x 3/8".

Advt. No. MST 777/06. Diphtheria and tetanus vaccine - adult.

Avviż Nru. MST 779/06. *Phytomendadione 10mg/ml injections Konakion _mm paediatric.*

Avviż Nru. EXMST 456/06. *Nalidixic acid oral suspension.*

Avviż Nru. EXMST 454/06. *Chloramphenical 1g injections.*

Avviż Nru. EXMST 451/06. *Dantrolene sodium 25mg capsules.*

Avviż Nru. EXMST 425/06. *Norfloxacin 400mg tablets.*

L-offerti kollha msemmija hawn fuq tal-*Medical Stores* jistgħu jinkisbu minn fuq http://www.health.gov.mt/gps/mst.htm

Aktar tagħrif jistgħu jinkisbu mis-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, Pjazza San Luqa, Guardamangia, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

L-10 ta' Novembru, 2006

Advt. No. MST 779/06. Phytomendadione 10mg/ml injections Konakion _mm paediatric.

Advt. No. EXMST456/06. Nalidixic acid oral suspension.

Advt. No. EXMST 454/06. Chloramphenical 1g injections.

Advt. No. EXMST 451/06. Dantrolene sodium 25mg capsules.

Advt. No. EXMST 425/06. Norfloxacin 400mg tablets.

All the above Medical Stores Tenders can be downloaded from http://www.health.gov.mt/gps/mst.htm

Further information may by obtained from the Government Pharmaceutical Services, Pjazza San Luqa, Guardamangia, on any working day between 8.30 a.m. and noon.

10th November, 2006

DIVIŻJONI TAS-SAĦĦA

Id-Direttur Ġenerali (Saħħa) jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, is-6 ta' Diċembru, 2006 jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. 113/06. Stampar ta' Medikura Magazine 2007.

Il-formoli ta' l-offerta u aktar tagħrif dwar il-kundizzjonijiet ta' din l-offerta jistgħu jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima tal-Provvisti, *Medical Stores Building*, Pjazza San Luqa, Guardamangia, bejn it-8.00 a.m. u n-12.30 p.m.

L-10 ta' Novembru, 2006

HEALTH DIVISION

The Director General (Health) notifies that:

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. on Wednesday, 6th December, 2006, for:-

Advt. No. 113/06. Printing of Medikura Magazine 2007.

Forms of tender and further information regarding the conditions of this tender may be obtained from the Health Division, Supplies Section, Medical Stores Building, St Luke's Square, Guardamangia from 8.00 a.m. to 12.30 p.m.

10th November, 2006

MALTA INDUSTRIAL PARKS LTD

Iċ-*Chairman,* Malta Industrial Parks Ltd, jgħarraf illi:

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ħamis, is-16 ta' Novembru, 2006, fl-uffiċċji tal-Malta Industrial Parks Ltd, UB8 Park Industrijali ta' San Ġwann, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

*Avviż Nru. MIP/TQF/SUB/D25/06. Provvista u twaħħil ta' bibien interni, suffetti u diviżorji tal-*gypsum* fl-uffiċċji tal-MIP Ltd fil-Qasam Industrijali ta' San Ġwann.

*Avviż li qieghed jidher għall-ewwel darba

Il-formoli ta' l-offerta u tagħrif ieħor jistgħu jinkisbu mingħand l-uffiċċji tal-Malta Industrial Parks Ltd. UB8 Qasam Industrijali ta' San Ġwann f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u l-11.30 a.m.

L-10 ta' Novembru, 2006

MALTA INDUSTRIAL PARKS LTD

The Chairman, Malta Industrial Parks Ltd, notifies that:

Sealed tenders will be received at the offices of the Malta Industrial Parks Ltd, UB8 San Ġwann Industrial Park up to 10.00 a.m. on Thursday, 16th November, 2006, for:–

*Advt. No. MIP/TQF/SUB/D25/06. Supply and fixing of internal doors, soffit ceilings and gypsum partitions in MIP Ltd offices in San Ġwann Industrial Estate.

*Advertisement appearing for the first time

Forms of tender and further information may be obtained from the offices of Malta Industrial Parks Ltd, UB8 at San Ġwann Industrial Estate, on any working day between 8.30 a.m. to 11.30 a.m.

10th November, 2006

FONDAZZJONI GĦALL-ISKEJJEL TA' GĦADA

Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada tgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ħamis, it-30 ta' Novembru, 2006, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. FTS 75-06. Kanali għall-ilma tax-xita fl-Iskola Speċjali Guardian Angel, il-Ħamrun.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 ma' kull dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. FTS 77-06. Investigazzjonijiet fuq il-post fl-Iskola Sekondarja tas-Subien u Junior Lyceum Ninu Cremona, Triq l-Ewropa, ir-Rabat (Għawdex).

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 ma' kull dokument ta' l-offerta.

Kopji tad-dokumenti relevanti jistgħu jinkisbu mill-uffiċċ ji tal-Fondazzjoni, Triq Sir Adrian Dingli, Pembroke, (Tel. Nru. 21387664, *Fax* Nru. 21387660) fil-ġranet tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

L-offerti għandhom jiġu depożitati fil-kaxxa ta' l-offerti fl-uffiċċji tal-Fondazzjoni fl-indirizz imsemmi hawn fuq.

Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada tgħarraf illi l-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar ta' l-offerti fil-ħin u d-dati speċifikati hawn fuq.

Dawk li jagħmlu l-offerta għandhom jaraw illi skond it-termini ta' Parti II u Klawsola 20 tar-Regolamenti ta' l-2005 (A.L. 177 ta' l-2005) dwar Kuntratti Pubbliċi, l-għoti ta' l-Offerti Dipartimentali magħmula mill-Fondazzjoni għandhom jiġu ppubblikati fin-*notice-board* (Notifika ta' Intenzjoni ta' Għoti ta' Offerti Dipartimentali).

Kull min jagħmel offerta u jista' jħossu urtat b'rakkomandazzjoni bħal din għandu jissottometti ilment uffiċ jali fi żmien tlett ijiem tax-xogħol (sa nofsinhar), skond il-klawsola relevanti msemmija fir-Regolamenti ta' hawn fuq.

Jinżamm id-dritt li tiġi rifjutata l-aħjar jew l-offerti kollha, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

L-10 ta' Novembru, 2006

FOUNDATION FOR TOMORROW'S SCHOOLS

The Foundation for Tomorrow's Schools notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Thursday, 30th November, 2006, for:-

Advt. No. FTS 75-06. Rainwater culverts at Guardian Angel Special School, Ħamrun.

A fee of Lm10 is to be effected on collection of the tender document.

Advt. No. FTS 77-06. Site investigations at Ninu Cremona Boys' Secondary School and Junior Lyceum, Triq l-Ewropa, Għawdex (Gozo).

A fee of Lm10 is to be effected on collection of the tender document.

Copies of the relevant documents may be obtained from the Foundation's offices, Triq Sir Adrian Dingli, Pembroke, (Tel. No. 21387664, Fax No. 21387660), on working days between 8.30 a.m. and noon.

Tenders must be deposited in the tender box at the Foundation's offices at the above mentioned address.

The Foundation for Tomorrow's Schools notifies that the general public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

All tenderers should note that as in terms of Part II and Clause 20 of the Public Contracts Regulations 2005 (L.N. 177 of 2005), the award of the Departmental Tenders made by the Foundation will be published in the notice-board (Notice of Intent of Award of Departmental Tenders).

Any tenderer who may feel aggrieved by any such recommendation must submit his official complaint within three working days (till noon), as per the relevant clause mentioned in the above Regulations.

The right is reserved to refuse the best or all offers, even the most advantageous.

10th November, 2006

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

L-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti, Ministeru għal Għawdex, jgħarraf illi:–

Sas-2.00 p.m. ta' nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Diċembru, 2006, fil-Ministeru għal Għawdex, Taqsima tat-Teżor, ir-Rabat, Għawdex, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. 11/2006. Provvista, konsenja, stallazzjoni u kummissjunar ta' *plotter* għall-istampar u qtugħ u *colour, photocopier* għall-estensjoni għaċ-Ċentru għall-Arti u s-Snajja' ta' Għawdex u ċ-Ċentru ta' l-Iżvilupp tas-Snajja'.

L-offerti għandhom isiru fuq il-formoli preskritti li, flimkien mal-kundizzjonijiet relattivi, jistgħu jinkisbu f'kull ġurnata tax-xogħol waqt il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

L-10 ta' Novembru, 2006

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

Id-Direttur Proġetti u Żvilupp, fil-Ministeru għal Għawdex, jgħarraf illi:–

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, is-17 ta' Novembru, 2006, fil-Ministeru għal Għawdex, Taqsima tal-*Accounts,* Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, ir-Rabat, Għawdex jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. WB 45/2006. Provvista u konsenja ta' *reconditioned tipper truck* wieħed lid-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp, Għawdex.

Avviż Nru. WB 46/2006. Provvista u konsenja ta' *reconditioned hydraulic platform mounted on a chassis/cab* waħda lid-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp, Għawdex.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm5 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

L-offerti għandhom isiru fuq il-formoli preskritti li flimkien mal-kundizzjonijiet relattivi jistgħu jinkisbu mill-Fergħa tax-Xogħlijiet, ir-Rabat, Għawdex f'kull ġurnata tax-xogħol waqt il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

L-10 ta' Novembru, 2006

MINISTRY FOR GOZO

The Office of the Permanent Secretary, Ministry for Gozo, notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Ministry for Gozo, Treasury Section, Victoria, Gozo by not later than 2.00 p.m. of Friday, 1st December, 2006, for:-

Advt. No. 11/2006. Supply, delivery, installation and commissioning of a plotter for printing and cutting and a colour photocopier for the extension to the Gozo Centre for Arts and Crafts and Crafts Development Centre.

Tenders should be drawn out on the prescribed forms which, together with the relative conditions, can be obtained on any working day during office hours.

10th November, 2006

MINISTRY FOR GOZO

The Director Projects and Development, Ministry for Gozo, notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Ministry for Gozo, Accounts Section, Department of Corporate Services, Victoria, Gozo by not later than 10.00 a.m. of Friday, 17th November, 2006, for:-

Advt. No. WB 45/2006. Supply and delivery of one (1) reconditioned tipper truck to the Department of Projects and Development, Gozo.

Advt. No. WB 46/2006. Supply and delivery of one (1) reconditioned hydraulic platform mounted on a chassis/cab to the Department of Projects and Development, Gozo.

A fee of Lm5 is to be paid for every copy of tender documents.

Tenders should be drawn out on the prescribed forms which, together with the relative conditions, can be obtained from the Works Branch, Victoria, Gozo on any working day during office hours.

10th November, 2006

KUNSILL LOKALI ĦAMRUN

Il-Kunsill Lokali Ħamrun jgħarraf illi:

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, il-11 ta' Diċembru, 2006, fil-kaxxa ta' l-offerti fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill, 683A, Triq il-Kbira San Ġużepp, il-Ħamrun, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. KLH/TDR/06/2006. Servizzi ta' kisi mill-ġdid ta' toroq fil-Ħamrun, Triq Lord Byron u Triq Barth (in parti).

Għandu jithallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

L-offerti għandhom ikunu f'envelop magħluqin u mmarkat bin-numru ta' l-offerta u jinteħtu fid-data u l-ħin ta' l-għeluq.

Id-dokumenti ta' l-offerta jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali Ħamrun f'indirizz imsemmi hawn fuq matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jaċċetta jew jirrofta l-aktar offerta vantaġġjuża

L-10 ta' Novembru, 2006

ĦAMRUN LOCAL COUNCIL

The Ħamrun Local Council notifies that

Sealed tenders will be received up to noon of Monday, 11th December, 2006, in the tender box at the administrative office of the Ħamrun Local Council, 683A, Triq il-Kbira San Ġużepp, Ħamrun, for:

Advt. No. KLH/TDR06/2006. Services of resurfacing of streets in Ħamrun, Triq Lord Byron and Triq Barth (in part).

A fee of Lm20 will be charged for every copy of tender document

Tenders should be enclosed in envelopes marked with the tender number and are to be opened on the closing date and time.

Tender documents are obtained from the Office of the Ħamrun Local Council in the above mentioned address during office hours.

The Council reserves the right to accept or reject even the most advantageous offer.

10th November, 2006

KUNSILL LOKALI BALZAN

Il-Kunsill Lokali Balzan jgħarraf illi:-

Sa l-10.30 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Diċembru, 2006, fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali Balzan, 153, Triq il-Kbira, Ħal Balzan, jintlaqgħu offerti magħluqin għal ġbir ta' skart domestiku u kummerċjali minn Ħal Balzan għal perjodu ta' sena mill-1 ta' Jannar 2007.

Id-dokumenti ta' l-offerta flimkien mal-kundizzjonijiet relattivi, jistgħu jinkisbu mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali Balzan waqt il-ħinijiet tax-xogħol għall-ħlas ta' Lm25 minn nhar it-Tnejn, it-13 ta' Novembru 2006. Kull min huwa interessat jista' jaqra dawn id-dokumenti fl-uffiċċju tal-Kunsill bla ħlas waqt l-istess ħinijiet.

L-offerti għandhom isiru fuq il-formoli preskritti u jinfetħu fil-pubbliku fid-data u l-ħin ta' l-għeluq fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali Balzan, 153, Triq il-Kbira, Ħal Balzan.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar offerta vantaġġuża.

Aktar dettalji jistgħu jinkisbu permezz tat-telefon 21442323.

L-10 ta' Novembru, 2006

BALZAN LOCAL COUNCIL

The Balzan Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Balzan Local Council's Office, 153, Triq il-Kbira, Balzan, by not later than 10.30 a.m. of Friday, 1st December, 2006, for the collection of household and commercial waste in Balzan for a period of one year commencing on the 1st January 2007.

Tender documents together with the relative conditions, may be obtained against a fee of Lm25 from the Balzan Local Council's office and may also be freely inspected during office hours as from Monday, 13th November 2006. All those interested can view these documents at the Council's office free of charge during the same hours.

Tenders should be made on the prescribed forms and will be opened in public at the closing date and time at the Balzan Local Council's Office, 153, Triq il-Kbira, Balzan.

The Councils reserves the right to refuse any tender, even the most advantageous.

Further information may be obtained on telephone number 21442323.

10th November, 2006

KUNSILL LOKALI IKLIN

Il-Kunsill Lokali Iklin jgħarraf lil dawk il-persuni interessati li qed jagħmel sejħa għall-offerti mill-pubbliku biex joffru bini għal bejgħ jew kir biex jiġi kkunsidrat bħala uffiċċju tal-Kunsill Lokali. Il-proprjetà trid tkun fl-Iklin.

Il-proprjetà għandu jkollha aċċess mit-triq, garaxx jew mat-triq jew *semi-basement*, spazju adegwat kif tidħol biex tilqa' n-nies, u mill-inqas tlett ikmamar isfel biex jintużaw bħala uffiċini. Barraminhekk, bini li jkollu kamra kbira fl-ewwel sular biex tintuża bħala sala tal-konferenzi tieħu preferenza. Lift jew spazju għal lift huwa essenzjali.

L-applikazzjoni trid tinkludi ma l-offerta pjanta dettaljata tal-bini kollu.

Kwotazzjonijiet għal bejgħ jew għal kiri huma aċċettati.

Il-proprjetà jrid ikollha permess validu tal-MEPA biex issir attività ta' uffiċċju. Jekk ma jkunx hemm permess din l-offerta tiġi kkunsidrata biss jekk jinħareġ il-permess relevanti.

Offerti ġo envelop issiġillat għandhom ikunu indirizzati lis-Segretarju Eżekuttiv, Kunsill Lokali Iklin, 11, Trejqet ir-Rumanzieri, Iklin, BZN 11 u mmarkati "Uffiċċju ġdid għall-Kunsill Lokali" u ddepożitati fil-kaxxa ta' l-offerti fl-istess indirizz.

L-offerti jagħlqu f'nofsinhar il-Ħamis is-7 ta' Diċembru 2006.

L-10 ta' Novembru, 2006

IKLIN LOCAL COUNCIL

The Iklin Local Council notifies interested parties that it is making a call for expression of interest by the public to offer for sale or lease suitable premises to be considered for offices of the Iklin Local Council. Property is to be located in the locality of Iklin.

The property should have access at ground-floor level, garage at ground or semi-basement level, ample space for a reception area and at least three rooms at ground-floor level. Furthermore premises with a large room at first-floor level suitable to be converted into a conference room will be given preference. A lift or lift space is a must. A plan of the premises is to be included with the offer.

Applications must include a detailed plan of all the edifice.

Quotes for purchase outright and/or rental value are accepted.

The premises should be supported by a valid MEPA permit for an office activity. In the absence of such a permit, the potential sale or lease of the property will only materialize once the relevant permit is issued.

Offers in a sealed envelope should be addressed to: The Executive Secretary, Iklin Local Council, Trejqet ir-Rumanzieri, Iklin, BZN 11 and marked "Premises" and can be deposited in the Tender Box at the same address.

Offers should be submitted by Thursday 7th December 2006, at noon.

10th November, 2006

KUNSILL LOKALI MĠARR

Il- Kunsill Lokali Mġarr jgħarraf illi sas-1.00 p.m. ta' nhar il-Ġimgħa, l-24 ta' Novembru, 2006, fl-uffiċċju tal-Kunsill, 22, Triq Sir Harry Luke, l-Imġarr, jintlaqgħu espressjonijiet ta' interess għal tiżjin ta' toroq bid-dawl dekorattiv fi żmien il-Milied.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm5 għal kull espressjoni ta' interess li tintefa'

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-uffiċċju ta' l-istess Kunsill f'kull ġurnata tax-xogħol bejn id-9.00 a.m. u l-5.00 p.m.

L-10 ta' Novembru, 2006

MĠARR LOCAL COUNCIL

The Mġarr Local Council notifies that expressions of interest will be received up to 1.00 p.m. of Friday, 24th November, 2006, in the Council's office, 22, Triq Sir Harry Luke, Mġarr, for Christmas street lighting decorations.

A fee of Lm5 will be charged for every expression of interest deposited.

Further information may be obtained from the same Council's office, on any working day between 9.00 a.m. and 5.00 p.m.

10th November, 2006

KUNSILL LOKALI PEMBROKE

Il-Kunsill Lokali Pembroke jgħarraf illi:-

Sal-11.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, il-15 ta' Novembru 2006, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Espressjoni ta' interess *(Public Private Partnership)* - Immaniġjar ta' parkeġġ f'Pembroke.

Kwot. Nru. 16/2006. Provvista ta' servizz ta' konsulenza għall-applikazzjonijiet u l-implimentazzjoni tagħhom għal skemi, programmi u proġetti li joriġinaw minn programmi ta' l-EU.

Kwot. Nru. 17/2006. Provvista ta' servizz ta' tindif ta' l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill ta' sagħtejn għal darbtejn fil-ġimgħa fil-ħinijiet ta' filgħodu.

Kwot. Nru. 18/2006. Provvista u stallazzjoni ta' żewġ (2) strutturi tal-ħadid inkluż żewġ (2) *basketball boards.*

Kwot. Nru. 19/2006. Provvista ta' dawl dekorattiv tal-Milied fi Triq Normandy u faċċata tal-Knisja ta' Pemborke.

Il-kwotazzjonijiet u l-offerti kollha għandhom jiġu sottomessi f'envelop magħluq. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Pembroke, Triq Alamein, Pembroke, waqt il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

L-offerti kollha jinfetħu fil-pubbliku wara l-ħin stipulat ta' l-għeluq.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta kwalunkwe offerta anke l-aktar offerta vantaġġuża.

L-10 ta' Novembru, 2006

PEMBROKE LOCAL COUNCIL

The Pembroke Local Council notifies that:-

Sealed quotations will be received at the Council's Administrative Office up to 11.00 a.m. of Wednesday, 15th November 2006, for:-

Expression of Interest (Public Private Partnership) - Managing of a parking area in Pembroke.

Quot. No. 16/2006. Provision of consultancy services for applications and the implementation of schemes, programmes and projects originating from EU programmes and funds.

Quot. No. 17/2006. Provision of cleaning services for the Council's Administrative Offices two hours, twice a week in the morning.

Quot. No. 18/2006. Provision and installation of two (2) iron structures including two (2) basketball boards.

Quot. No. 19/2006. Provision of Christmas decorative lighting in Normandy Street and opposite Pembroke Church.

All quotations and offers are to be submitted in sealed envelopes. Further information may be obtained from the Pembroke Local Council's Administrative Office, Triq Alamein, Pembroke, during office hours.

Quotations will be opened in public after the closing time stipulated.

The Pembroke Local Council reserves the right to reject any quote or part thereof, even the most advantageous.

10th November, 2006

KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Il-Kunsill Lokali Santa Venera jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-10 ta' Novembru, 2006, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. 4/06. *Contracts' Manager* - knis ta' toroq.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm5 għal kull dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. 5/06. Manifattura u twaħħil ta' ħadid.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm5 għal kull dokument ta' l-offerta.

SANTA VENERA LOCAL COUNCIL

The Santa Venera Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received up to noon of Friday, 10th November, 2006, for:-

Advt. No. 4/06. Contracts' Manager - street sweeping.

A fee of Lm5 is to be paid for each copy of tender document.

Advt. No. 5/06. Manufacturing and installation of fence.

A fee of Lm5 is to be paid for each copy of tender document.

Avviż Nru. 6/06. Knis u tindif ta' toroq u qtugħ ta' ħaxix ħażin.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm15 għal kull dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. 7/06. Stampar tal-fuljett tal-Kunsill.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull dokument ta' l-offerta.

Id-dokumenti ta' l-offerti jinkisbu mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Kumpless Umberto Calosso, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, fil-ġranet u l-ħinijiet ta' l-uffiċċju għal ħlas kif indikat hawn fuq.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

L-10 ta' Novembru, 2006

Advt. No. 6/06. Street sweeping, weeding and cleaning.

A fee of Lm15 is to be paid for each copy of tender document.

Advt. No. 7/06. Printing of Council Magazine.

A fee of Lm10 is to be paid for each copy of tender document.

Tender documents may be obtained from the Local Council's Administrative Office, Umberto Calosso Complex, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, on working days during office hours against a fee as indicated above.

The Council reserves the right to reject even the most advantageous offer.

10th November, 2006

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1688

BILLI JOSEPH MARIO PORTELLI ppreżenta ċitazzjoni numru 126/2006 (AMT) fl-ismijiet "Joseph Mario Portelli -vs- Direttur tar-Reġistru Pubbliku" fejn talab il-korrezzjoni ta' l-ATT TAT-TWELID tiegħu li jġib in-numru mitejn u dstax tas-sena elf disa' mija u sebgħa u sittin (219/1967).

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax (15)-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja hawn imsemmija bil-ġurnata li tiġi moghtija għas-smigħ tal-kawża.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Superjuri.

Illum, 7 ta' Novembru, 2006

MAUREEN XUEREB
Deputat Reġistratur

WHEREAS JOSEPH MARIO PORTELLI filed a writ of summons no. 126/2006 (AMT) in the names "Joseph Mario Portelli -vs- Direttur tar-Reġistru Pubbliku" demading CORRECTIONS in the ACT OF BIRTH of same bearing number two hundred and nineteen of the year one thousand nine hundred and sixty seven (219/1967).

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen (15) days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified, by the service of a copy of the said writ of summons, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

Registry of the Courts of Magistrates (Gozo) Superior Matter

This 7th November, 2006

MAUREEN XUEREB
Deputy Registrar

1689

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-5 ta' Ottubru 2006, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Awtorità tad-Djar ta' 22, Triq Pietro Floriani, Floriana, ippreżentaw Talba, fis-6 ta' Marzu 2006, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Kevin Grech (ID338872M) ta' Charles, Flat 3, Triq Enrico Mizzi, il-Gżira sabiex iħallas lill-Awtorità tad-Djar s-somma ta' elf tliet mija u ħames liri Maltin (Lm1,305) liema ammont huwa dovut lill-Awtorità tad-Djar.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (176/06ISB) hija differita għas-16 ta' Novembru 2006 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 8 ta' Novembru 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 5th October 2006, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Housing Authority of 22, Triq Pietro Floriani, Floriana, filed a Claim on the 6th March 2006 whereby they asked the Tribunal to condemn Kevin Grech (ID338872M) of Charles, Flat 3, Triq Enrico Mizzi, Gżira, to pay the Housing Authoirty the sum of one thousand three hundred and five Maltese liri (Lm1,305) which amount is due to the Housing Authority.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 176/06ISB) is put off on the 16th November 2006 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 8th November 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1690

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, ta' l-10 ta' Ottubru 2006, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom plc (C22334) ta' Spencer Hill, il-Marsa, ippreżentaw Talba fid-19 ta' Lulju 2006, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Anthony Aquilina (ID946648M) ta' 212, Tower Paint Mansions, Flat 13, Triq it-Torri, Tas-Sliema u Walter Cachia Zammit (ID99748M) ta' 52, Emerson Court, Flat 6, Triq il-Ktajjen, is-Swieqi, sabiex iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' ħames mija u ħames liri Maltin u wieħed u ħamsin ċenteżmu (Lm505.51) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (612/06PBC) hija differita għall-14 ta' Novembru 2006 fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 8 ta' Novembru 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 10th October 2006, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom plc (C22334) of Spencer Hill, Marsa, filed a Claim on the 19th July 2006 whereby they asked the Tribunal to condemn Anthony Aquilina (ID946648M) of 212, Tower Point, Mansions, Flat 13, Triq it-Torri, Sliema and Walter Cachia Zammit (ID99748M) of 52, Emerson Court, Flat 6, Triq il-Ktajjen, Swieqi, to pay the plaintiff company the sum of five hundred and five Maltese liri and fifty one cents (Lm505.51) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 612/06PBC) is put off on the 14th November 2006 at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 8th November 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1691

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, ta' l-10 ta' Ottubru 2006, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom plc (C22334) ta' Spencer Hill, il-Marsa, ippreżentaw Talba fl-4 ta' Lulju 2006, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil John Urpani Nighat (ID2004288P) ta' Ent. D, Flat 6, Triq il-Ħmistax ta' Settembru 1598, Binja Ħarriġiet, l-Imqabba, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mitejn u sittax-il lira Maltija (Lm216) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (564/06PBC) hija differita għall-14 ta' Novembru 2006 fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 8 ta' Novembru 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 10th October 2006, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom plc (C22334) of Spencer Hill, Marsa, filed a Claim on the 4th July 2006 whereby they asked the Tribunal to condemn John Urpani Nighat (ID2004288P) of Ent. D, Flat 6, Triq il-Ħmistax ta' Settembru 1598, Binja Ħarriġiet, Mqabba to pay the plaintiff company the sum of two hundred and sixteen Maltese liri (Lm216) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 564/06PBC) is put off on the 14th November 2006 at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 8th November 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1692

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-6 ta' Ottubru 2006, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Biosphere Limited (C16003) ta' "Icarus", Triq il-Ħemel, is-Swieqi, STJ 04 ippreżentaw Talba fil-15 ta' Marzu 2006, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil L.V. Trading Co. Limited (C8044) ta' 9, Triq il-Lanċa, Valletta, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mitt lira Maltija (Lm100) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (216/06RFA) hija differita għas-17 ta' Novembru 2006 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 8 ta' Novembru 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 6th October 2006, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Biosphere Limited (C16003) of "Icarus" Triq il-Ħemel, Swieqi STJ 04 filed a Claim on the 15th March 2006 whereby they asked the Tribunal to condemn L.V. Trading Co Limited (C8044) of 9, Triq il-Lanċa, Valletta, to pay the plaintiff company the sum of one hundred Maltese liri (Lm100) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 216/06RFA) is put off on the 17th November 2006 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 8th November 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1693

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti ta' l-Appell permezz ta' digriet mogħti fis-27 ta' Ottubru 2006, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 535/87 RCP, fl-ismijiet Carmel Cutajar vs Josephine Mary Cutajar, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-appellata Josephine Cutajar, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors, ippreżentat, fil-Qorti ta' l-Appell, fl-atti taċ-Citazzjoni Numru 535/1987 RCP, fl-ismijiet Carmel Cutajar vs Josephine Mary sive Josephine Cutajar, ir-rikorrenti attur Carmel Cutajar, espona bir-rispett;

Illi l-esponent ippreżenta s-segwenti Ċitazzjoni;

Illi l-kontendenti żżewġu fil-21 ta' April 1974, kif jidher miċ-ċertifikat taż-żwieġ (Dok. 'A').

Illi l-kunsens tal-attur inkiseb bi vjolenza morali u biża kif jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-Kawża.

Illi l-kunsens ta' l-attur inkiseb b'qerq dwar il-kwalità tal-konvenuta li mix-xorta tagħha fixklet serjament il-ħajja miżżewġa.

Illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa; …Omissis…

Illi l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex għar-raġunijiet premessi:

1. Tiddeċiedi u tiddikjara li ż-żwieġ li sar bejn il-kontendenti fil-21 ta' April 1974, hu null u bla effett a tenur ta' l-artikolu 19(1)(a)(ċ)(d) u (e) ta' l-Att taż-Żwieġ tal-1975, għal raġunijiet imputtabbli lill-konvenuta.

2. Tapplika favur il-konvenuta s-subartikoli (3) u (5) ta' l-artikolu 20 tal-istess Att taż-Żwieġ tal-1975.

Bl-ispejjeż, kontra l-konvenuta li hi minn issa inġunta in subizzjoni.

Illi fin-nota tal-eċċezzjonijiet tagħha l-konvenuta kkontestat it-talbiet attriċi;

1. Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż, peress li mhux minnu xejn dak li qed jiġi allegat fiċ-ċitazzjoni u fid-dikjarazzjoni.

It is hereby notified that the Court of Appeal by means of a decree given on the 27th October 2006, in the records of the Written of Summons Number 535/87 RCP, in the names Carmel Cutajar vs Josepine Mary Cutajar, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Josephine Cutajar, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Application, filed in the Court of Appeal, in the records of the Writ of Summons Number 535/1987, in the names Carmel Cutajar vs Josephine Mary sive Josephine Cutajar, the applicant plaintiff Carmel Cutajar, pleaded with respect;

That the applicant filed the following Writ of Summons;

That the parties were married on the 21st April 1974, as appears from the certificate of marriage (Doc. 'A').

That the consent of the plaintiff was acquired by moral violence and fear as shall result during the pleading of the Case.

That the consent of the plaintiff was acquired by deceit regarding the quality of the defendant which of its nature seriously disturbed married life.

That the consent of the defendant was vitiated by a serious defect of discretion of judgement on married life …Omissis…

That the same plaintiff asked this Court so that for the reasons premised:

1. Decide and declare that the marriage which was celebrated between the parties on the 21st April 1974 is null and without effect in terms of article 19(1) (a) (c) (d) and (e) of the Marriage Act of 1975, for reasons imputable to the defendant.

2. Apply in favour of the defendant subarticles (3) and (5) of article 20 of the same Marriage Act of 1975.

With costs against the defendant from now summoned so that a reference to her evidence be made.

In her note of pleas the defendant contested the plaintiff's Claims;

1. That the demands of the plaintiff are unfounded in fact and at law and are to be rejected with costs as that alleged in the writ of summons and in the declaration is not true.

2. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Illi b'sentenza tas-27 ta' Ottubru 2005, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) iddeċidiet il-kawża billi laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta in kwantu l-istess huma kompatibbli ma' dak hawn deċiż u ċaħdet it-talba attriċi stante li hija infondata fil-fatt u fid-dritt. Bl-ispejjeż kollha kontra l-attur.

Illi l-attur ħassu aggravat bil-preċitata sentenza u qed jinterponi appell minnha quddiem din l-Onorabbli Qorti;

…Omissis…

Illi l-aggravju ta' l-esponent huwa ċar u manifest u jikkonsisti fis-segwenti;

1. Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet apprezzament ħażin kemm fattwalment u aktar u aktar legalment …Omissis…

Illi l-provi li kellha quddiemha l-Ewwel Onorabbli Qorti kienu jippuntaw lejn sitwazzjoni gravi ħafna li kienet teżisti fil-ħin tal-kontrattazzjoni taż-żwieġ u li kien tali li ma jħallu l-ebda dubju li ż-żwieġ kien null, u dan minkejja li l-konvenuta mill-bidu nett eċċepit li dak li qed igħid l-attur fiċ-ċitazzjoni 'mhux minnu xejn'.

Illi l-konsiderazzjonijiet dwar iż-Żwieġ Kattoliku bħala Sagrament u d-dottrina li ġiet inkorporata fis-sentenza stess ikomplu jsaħħu mhux idgħajfu l-argument ta' l-esponent illi ż-żwieġ kien null.

Illi l-fatti veri dwar iċ-ċirkostanzi li fihom iżżewweġ l-attur joħorġu mhux biss mill-affidavit tiegħu, iżda mill-affidavit ta' persuni oħra barranin, li xehdu f'dawn il-proċeduri. Il-konvenuta fid-difiża tagħha iffokat unikament biex tmeri dak li qal l-esponent …Omissis…

Fl-Affidavit tiegħu l-esponent iddikjara bil-ġurament illi:

'Meta għalaqt tmintax-il sena jiena dhalt fil-Korp tal-Pulizija. Dak iż-żmien kont bdejt noħroġ mal-konvenuta Josephine xebba Xuereb. Hija kienet taħdem ma' żijitha fil-ħanut Babyland ta' St. John Street, il-Belt. Kont ġejt stazzjonat l-Għassa tal-Pulizija ta' Tas-Sliema, iżda missieri ried li niġi trasferit lejn il-Belt u hekk sar.

Meta bdejt naqdi d-dmirijiet ta' Pulizja ġewwa l-Belt Valletta, għajnejha kienu waqgħu fuq ċerta Marlene Camilleri, tfajla li kienet għadha ħierġa mill-iskola…Omissis…

2. Saving further pleas.

That by a judgement of the 27th October 2005, the Civil Court (Family Section) decided the cause by upholding the pleas of the defendant in so far as they are compatible with that herein decided and rejected the demand of the plaintiff since it is unfounded in fact and at law. With all costs against the plaintiff.

That the plaintiff felt aggrieved by the preceeding judgement and in humbly filing an appeal there from before this Honourable Court;

…Omissis…

That the grievance of the applicant is clear and manifest and consists of the following;

1. That the Honourable First Court made a bad appreciation both factually and more so legally …Omissis…

That the proof which the Honourable First Court had before it points to a very grievous situation which existed at the time of the contracting of the marriage and which was so as to leave no doubt that the marriage was null and this despite that the defendant from the beginning pleaded that what the plaintiff was saying in the writ of summons is not true.

That the considerations regarding the Catholic Marriage as a Sacrament and the doctrine incorporated in the judgement itself continue to uphold (and not weaken) the argument of the applicant that the marriage was null.

That the true facts about the circumstances in which the plaintiff married emerge not only from his affidavit, but from the affidavit of other outsiders, who gave evidence in these procedures. The defendant in her defence was only concerned with contradicting the applicant …Omissis…

In his Affidavit the applicant declares under oath that:

'When I was eighteen years old I joined the Police Corps. At that time I used to go out with the defendant Josephine neé Xuereb. She used to work with her aunt in the shop Babyland of St. John Street, Valletta. I was stationed at the Police Station in Sliema, but my father wanted that I be transferred to Valletta and so happened.

When I started to carry out the duties of Policeman at Valletta, I had taken notice of a certain Marlene Camilleri, a girl which had just left school …Omissis…

Darba waħda, waqt li kont ta' l-għassa mal-Palazz, fejn hemm mill-Parlament, kienet għaddejha Marlene Camilleri ma' ommha u ġietni l-okkazzjoni li nkellimhom. Minn dakinhar bqajna nieqfu kull darba li niltaqgħu fit-triq. Iżda Marlene Camilleri ma kienitx taf li jiena kont qed noħroġ mal-konvenuta …Omissis…

Jiena domt noħroġ ħekk kemm ma' Josephine kif ukoll ma' Marlene, għal madwar sentejn jew sentejn u nofs qabel ma żżewwiġt lil Josephine.

Ir-raġuni għala ġara ħekk kienet illi ommi, meta rat li illi xi żmien noħroġ ma' Josephine Xuereb, għamlitha fatta li kont ser niżżewwiġha …Omissis…

Meta kien ikolli xi argument id-dar, ma ommi u ma missieri, missieri dejjem kien jgħidli li jien lil Josephine ikolli nieħu għaliex hu ħekk ried. Jiena kont nibża ħafna minn missieri għalkemm kont nurih li ma naqbilx.

Meta ommi sabitilna l-post fejn kelli mmur noqgħod meta niżżewweġ lil Josephine Xuereb, kienet titlobni l-paga ta' Pulizija biex iżżommli l-flus tar-rigal li kienet ħallset…Omissis…

Missieri beda jbajjad u jiżboħ il-post u inkariga lill-electrician, filwaqt li Josephine ħadet ħsieb l-għamara ta' ġod-dar. Kollox baqa' miexi. Sadanittant, jiena iktar kont noħroġ ma Marlene milli ma Josephine …Omissis…

Barra minn ħekk meta kont inkun bil-'vacation leave' kont ngħid lil Josephine li kien ikolli 'extra duty' biex inkun nista' noħroġ ma' Marlene.

…Omissis…

F' dawn iċ-ċirkostanzi minkejja li kont inħoss din il-ġibda kbira lejn Marlene, jiena ma stajtx ninqala' mir-relazzjoni ma' Josephine minħabba li missieri kien jikkontrollani u jqiesli l-passi kemm fuq ix-xogħol u kif ukoll fil-ħajja privata. Fil-fatt, missieri żgur kien jaf fuqi u Marlene għaliex kien jiġbor tagħrif mingħand pulizija oħra, u naf li wieħed minn sħabu kien qallu fuqi u fuq Marlene …Omissis…

Jiena bżajt li missieri jpattihieli bil-qares jekk nitlaq lil Josephine.

Jiena kelli f'moħħi li jgħidli kemm jgħidli missieri, lil Marlene ma kontx ser nitlaqha jew inħalliha titlaqni. Jiena kont ngħid li jekk Marlene tinduna li jien kont għarus lil

Once, when I was on duty at the Palace, where Parliament is situated, Marlene Camilleri was passing with her mother and I had the occasion to speak to them. From that day we stopped whenever we met in the street. But Marlene Camilleri did not know that I was going out with the defendant …Omissis…

I continued to go out both with Josephine as well as with Marlene for about two or two and a half years before I married Josephine.

The reason for this was that my mother saw that I had gone out with Josephine Xuereb, took it for granted that I was going to marry her…Omissis…

When I had an argument at home, with my mother and father, my father always told me that I had to marry Josephine because he wanted so. I feared my father a lot although I showed him that I did not agree.

When my mother found the premises, where I had to go and live when I married Josephine Xuereb, she asked for my wages as a Policeman, in order to withhold the premium money she had paid …Omissis…

My father started to paint the premises and engaged an electrician, whilst Josephine took care of the furniture in the home. Everything continued to proceed. In the meantime I used to go out more frequently with Marlene than with Josephine …Omissis…

Apart from this when I was on 'vacation leave' I used to tell Josephine that I had 'extra duty' so that I can go out with Marlene.

…Omissis…

In these circumstances although I felt this great attraction towards Marlene, I cannot terminate my relationship with Josephine, because my father controlled me and used to see both to my behaviour at work and private life. In fact my father certainly knew about me and Marlene because he collected information from other police and I know that one of my colleagues had told him about me and Marlene…Omissis…

I feared that my father would have harshly reacted if I left Josephine.

I was of the opinion that no matter how much my father would have told me, I would not have left Marlene or allowed her to leave. I said that if Marlene notices that I was married

Josephine, xorta ma kontx bi ħsiebni li nħalliha titlaqni, għaliex Marlene kienet kollox għalija. Fil-fatt wara tant snin jiena u Marlene bqajna dejjem flimkien sal-lum.

Meta għadha aktar żmien u l-imħabba bejni u Marlene daħlet il-ġewwa ħafna jiena ridt ngħid lil Marlene dwar Josephine. Għalhekk darba minnhom lil Marlene għidtilha li Jiena kont għarus lil Josephine. Marlene ixxokkjat ruħha ħafna u bdiet tibki u bdiet tgħidli 'Itlaqni, itlaqni, itlaqni'.

…Omissis…

L-ewwel opportunità li kelli, jiena iġġielidt ma' Josephine u ġġelidt bis-serjeta. Min naħa l-oħra tal-familja tiegħi ħaduha bi kbira li jien iġġelidt ma' Josephine. Iżda jien bqajt inżomm iebes li ma ridtx inkompli noħroġ ma Josephine. Meta jiena għidt lil Marlene li kont ħassart ma' Josephine, Marlene aċċettat li tkompli toħroġ miegħi u fil-fatt iltaqgħet miegħi.

…Omissis…

Xi ħmistax-il ġuranata wara li ġġelidt ma' Josephine waqt li kont 'extra duty' mal-fergħa tal-Bank of Valletta tal-Main Guard f'Palace Square, ġiet Josephine tipprova tkellimni qabel ma marret tiftaħ il-ħanut. Jiena għidtilha li bejnietna kien spiċċa kollox. Wara ħafna diskors min-naħa tagħha telqet.

Aktar tard, ġew ommi u missieri u bdew ikellmuni fuq il-kwistjoni ta' Josephine. Missieri beda jgħidli illi lil Josephine ikolli nieħu …Omissis…

Meta spiċċajt mill-'extra duty' missieri qabadni minn idejja biex żgur nibqa' sejjer lejn id-dar magħhom u widdibni serjament. Kif wasalna fil-kantuniera ta' Triq ir-Repubblika ma Triq it-Teatru, jiena rajt lil Marlene, ġejja u hija waqfet u indunat x'kien ġara. Jiena bqajt sejjer id-dar u hemmhekk kelli argument serju ma' missieri u kważi ġejna fl-idejn u jiena tajt daqqa ġol-ħajt u kelli nbaxxi rasi għar-rieda ta' missieri.B'riżultat ta' hekk jiena ninsab fis-sitwazzjoni li kelli niżżewweġ mara meta ħabbejt mara oħra. Wara dakinhar jiena kelli nkompli ma' Josephine.

Waqt li bqajt ma' Josephine, jiena komplejt inwaqqaf lil Marlene, iżda din bil-kemm kienet tkellimni …Omissis…

Jiena bqajt nipprova nipperswadi lil Marlene biex taċċetta li tkompli toħroġ miegħi għax lilha kont inħobb. Kont immurilha l-ħanut fejn kienet taħdem sakemm ikkonvinċejtha għax kont naf, li ladarba inħobbu lil xulxin, għad tasal biex taċċetta li tkompli toħroġ miegħi.

to Josephine I would not have allowed her to leave, because Marlene was everything to me. In fact after many years Marlene and I are still together till this day.

When more time had passed and my relationship with Marlene became very close I wanted to speak to Marlene regarding Josephine. Thus once I told Marlene that I was engaged to Josephine. Marlene shocked herself a lot and started to cry and started to tell me 'Leave me, Leave me, Leave me'.

…Omissis…

The first opportunity I had I quarreled with Josephine and quarreled seriously. On the other hand my family were surprised that I quarreled with Josephine. But I stubbornly held that I did not want to go out with Josephine. When I told Marlene that I quarreled with Josephine, Marlene accepted to continue to go out with me and in fact met me.

…Omissis…

Some fifteen days after I quarreled with Josephine when I was 'extra duty' with the Bank of Valletta, Main Guard, Palace Square, Josephine tried to talk to me before she went to open the shop. I told her that everything had finished between us. After much talk on her part she left.

Later my father and mother came and started to talk to me about the dispute with Josephine. My father started to tell that I had to take Josephine …Omissis…

When I finished from 'extra duty' my father took me by the hand so that I go home with them, and seriously warned me. As soon as we arrived at the corner of Republic Street, with Theatre Street, I saw Marlene coming and she stopped and noticed what had happened. I went straight home and there I had a serious argument with my father, and we almost came to blows and I punched the wall and had to submit to my father's will. As a result of this I found myself in the situation that I had to marry a woman when I loved another one. After that day I had to continue with Josephine.

Whilst continuing with Josephine, I continued to stop Marlene, but the latter barely spoke to me …Omissis…

I tried to continue to try and persuade Marlene to accept that she continues to go out with me as I loved her. I used to go to her shop where she worked till I convinced her as I knew that once we loved each other, she will finally go out with me.

…Omissis…

Bdejt ninnota differenza oħra bejn Marlene u Josephine. Josephine rieditni bilfors niżżewwiġha avvolja kienet taf li jiena ma ridtx niżżewwiġha, filwaqt li Marlene kienet lest tissagrifika ruħhaa għax kienet tħobbni, u tħallini niżżewweġ lil Josephine minnħaba l-inkwiet.

Jiena kont ngħid lil Marlene biex inħallu lil Josephine tarana flimkien għaliex ħekk forsi tħallini fil-liberta li ma niżżewwiġhiex. Iżda dan Marlene ma riditux għax dejjem kienet tibża li missieri jaqlagħlna l-inkwiet …Omissis…

Bdiet toqrob id-data tat-tieġ u jiena kontra qalbi kelli nkompli ma' Josephine. Jiena kelli nżżewweġ lil Josephine u ż-żwieġ sar fil-21 ta' April 1974.

…Omissis…

F' din l-okkażjoni ta' lejliet it-tieġ jiena u Marlene kellna relazzjoni sesswali. Dik il-ġurnata nibqa' niftakarha. Marlene saħansitra tatni rigal tat-tieġ …Omissis…

Għiditliha ukoll li nispera li l-għada kont ser naraha l-Knisja ta' Guardamangia, fejn kellha ssir il-Quddiesa tat-Tieġ u li wara ridt naraha r-Reception fil-Westminister Hall …Omissis…

Fil-jum tat-tieġ (21 ta' April 1974) filgħaxija qabel mort għall-Quddiesa tat-Tieġ, xrobt nofs flixkun, forsi anke tlett kwarti ta' flixkun whisky bil-moħbi ta' missieri u tlaqna għaċ-ċerimonja.

Fil-fatt, minn fuq l-altar jiena bdejt inħares 'hemm u 'l hawn biex nara jekk narax lil Marlene u lmaħtha fuq wara nett tal-Knsija. Kienet mal-habiba tagħha, Carmen Caruana illum Kareem…Omissis…

Niftakar li waqt iċ-ċerimonja ġew mumenti x'ħin bdejt intella u niżżel jekk ngħidx 'iva' jew 'le' liċ-Ċelebrant …Omissis…

Waqt li konna qegħdin nieħdu r-rittrati fil-kuritur, ħdejn il-bieb ta' barra rajt lil Marlene u Carmen għaddejin. Kif lestejna mir-rittratti u rajt li tal-familja daħlu lura fis-sala jiena ħadt l-opportunità biex immur inkellem lill-pulizija li jkunu 'extra duty' ħdejn il-bieb …Omissis…

Marlene staqsietni kif kont u jiena għidtilha li stajt biss inkun tajjeb kieku missieri ħallieni liberu li ma niżżewwiġx lil Josephine sabiex inkun nista' niżżewweġ lilha …Omissis…

…Omissis…

I started to note another difference between Marlene and Josephine. Josephine wanted me to marry at all costs although she knew that I did not want to marry her, whilst Marlene was ready to sacrifice herself because she loved and allowed me to marry Josephine due to the trouble.

I told Marlene in order to allow Josephine see us together because thus she will allow me not to marry me. But Marlene did not want this because she taught that my father would create trouble…Omissis…

The date of marriage started to draw closer and contrary to my will I had to continue with Josephine. I had to marry Josephine and marriage took place on the 21st April 1974.

…Omissis…

On this occasion of the eve of the wedding Marlene and I had a sexual relationship. I remember that day. Marlene even gave me a wedding present …Omissis…

I also told her that I hoped that the next day I would see her at the Church in Guardamangia where the Marriage Mass was to be celebrated and that afterwards I wanted to see her at the Reception at Westminister Hall …Omissis…

On the day of the wedding (21st April 1974) in the evening before I went to the Marriage Mass, I drank half a bottle, perhaps also three-fourths of a bottle of whisky, without my father knowing and went to the ceremony.

In fact, from the alter I started to look her and there to see if I saw Marlene and noticed her on the very back of the Church. She was with her friend, Carmen Caruana, today Kareem…Omissis…

I remember that during the ceremony there were moments when I was not sure whether to say 'yes' or 'no' to the Celebrant…Omissis…

Whilst we were taking the photos in the corridor, near the main door I saw Marlene and Carmen pass. As we were ready from the photos and saw that the family returned to the hall I took the opportunity to talk to the police who were on 'extra duty' near the door…Omissis…

Marlene asked how I was and I told her that I could only be good if my father left me free not to marry Josephine in order that I marry her …Omissis…

Qabel tlaqtha għidtilha biex it-Tlieta ta' wara tieħu 'vacation leave' ħalli nkunu nistgħu niltaqgħu. Għidtilha li nsib skuża biex inkun nista' noħroġ mid-dar waħdi …Omissis…

Meta spiċċa t-tieġ, jiena u l-konvenuta morna l-Coach & Horses, u ħadna xi drinks u wara bqajna sejrin lejn id-dar. Filgħodu dħalna l-Belt, jiena u l-konvenuta u għaddejtha minn quddiem il-ħanut fejn kienet taħdem Marlene u għamiltilha sinjal li kont se nċempillha. Fil-fatt l-għada filgħodu ġibt skuża lill-konvenuta li kelli bżnn immur il-Belt u ħriġt kmieni …Omissis…

Fil-bidu tal-ħajja miżżewġa, kien ikollna ftit xi ngħidu. Wara sena l-konvenuta l-ewwel ma kellha kien 'miscarriage'. Imbagħad wara sentejn u erba' xhur, il-konvenuta kellha lill-Conrad. Kif kellha lil Conrad, l-atteġjament tagħha nbidel u saret ferm possessiva fuq it-tifel, …Omissis…

Aktar ma beda jgħaddi ż-żmien aktar bdejna nitbegħdu minn xulxin.

Lil Conrad ġieli domt tlett ijiem biex rajtu jew għaliex inkun xogħol, jew għaliex kienet toħroġ mid-dar bih, jew għax ikun rieqed.

Ta' spiss konna niġu fl-idejn jiena u l-konvenuta …Omissis…

Aktar ma bdejt nara lill-konvenuta tmur għand ommha qabel ma nqum jien, aktar bdejt niltaqa' ma' Marlene. Hija kienet tgħidli nieħu paċenzja minħabba tal-familja. Iżda l-affarijiet komplew imorru għal-agħar fid-dar bejni u Josephine u f'Novembru 1981 tant kellna xi ngħidu illi jiena ddeċidejt li nitlaq mid-dar …Omissis…

…Omissis…

Minn dan joħroġ ċar illi ż-żwieġ tiegħi ma kienx riżultat ta' għażla libera iżda r-riżultat ta' pressjoni u biża.

2. It-tieni aggravju ta' l-esponent hu li tenut kont ta' dawn il-fatti mistqarra bil-ġurament mill-esponent, li ġew korroborati minn xhieda barranin, l-Ewwel Onorabbli Qorti, kellha kwadru ċar ta' żwieġ li ma setax ikun ħlief null. Il-kwistjoni li hemm quddiem il-Qorti hija jekk raġel li kien għarus lil Josephine iżda li kien u baqa' iħobb lil Marlene u li kien kostrett minħabba pressjoni u minaċċi da parti ta' missieru biex jiżżewweġ lil Josephine (għal raġunijiet li ssemmew qabel) setax jidħol fi żwieġ validu ma' Josephine. Sija skond id-dottrina dwar Żwieġ Kattoliku qua Sagrament u sija skond l-insenjament legali dwar iż-żwieġ qua kuntratt,

Before I left her I told her so that the following Tuesday she goes on 'vacation leave' so that we may meet. I told her that I will find an excuse so that I go out of the house alone …Omissis…

When the wedding was finished, the defendant and I went to the Coach & Horses and took some drinks and afterwards went straight home. In the morning the defendant and I went to Valletta and passed infront of the shop were Marlene worked and I made her a sign that I was going to phone her. In fact the next morning I brought an excuse to the defendant that I needed to go to Valletta and went out early …Omissis…

At the beginning of married life we had very few quarrels. After a year the defendant had a 'miscarriage'. Then after two years and four months, the defendant had Conrad. As she had Conrad, her attitude changed and she became very possessive about the boy ,…Omissis…

As time passed we drifted further apart.

Sometimes I did not see Conrad for three days, either because I am at work, or because she left home with him, or because he is asleep.

Very often the defendant and I came to blows …Omissis…

The more I saw the defendant go to her mother before I woke up, the more I met Marlene. She told me to be patient because of the family. But things got worse in the house between me and Josephine and on November 1981, we quarreled so much that I decided to leave home …Omissis…

…Omissis…

From this it results clearly that my marriage was not the result of a free choice but the result of pressure and fear.

2. The second grievance of the applicant is that due to the facts declared under oath by the applicant, which were corroborated by outside witnesses, the Honourable F irst Hall had a clear picture of a marriage which could not but be, null. The dispute before the Court is whether the husband who was married to Josephine but who used and continued to love Marlene and who was constrained due to pressure and threats of the part of his father to marry Josephine (for reasons mentioned before) could contract, a valid marriage, with Josephine. Both according to the doctrine regarding Catholic Marriage, as a Sacrament as well according to the legal

dan iż-żwieġ kien null. Il-fatt li Marlene Camilleri, għadha l-partner ta' l-attur u jgħixu flimkien hija l-akbar prova li dak li kellu jkun żwieġ, fil-fatt ma kien żwieġ xejn …Omissis…

3. It-tielet aggravju ta' l-esponent jirrigwarda l-valutazzjoni tal-provi fuq il-kwistjoni ta' l-impotenza tiegħu. Fit-taqsima (ii) Apprezzament tal-Provi Prodotti), l-esponent innota li dwar il-kwistjoni ta' l-impotenza tiegħu, l-Ewwel Onorabbli Qorti rreferiet esklusivament għad-DNA Testing Result, mingħajr ma rriferit ukoll għall-Medical Report tal-Professur Maurice Katz, …Omissis…

L-ommissjoni ta' din il-prova fid-deliberazzjonijiet ta' l-Ewwel Qorti tinfiċja l-proċess tad-derminazzjoni tal-vertenza, għaliex dan iffiser li l-Ewwel Qorti ħalliet barra element importani fil-każ ta' l-attur quddiemha.

3. Rigward il-valutazzoni tal-provi in ġenerali l-Ewwel Onorabbli Qorti ġiet ukoll żgwidata fir-riċerka tal-verita mill-fatt li omm l-istess attur, minħabba li huma miksurin ma' l-attur u dejjem kienu fuq il-parti tal-konvenuta, tat ix-xhieda favur l-istess konvenuta. Omm l-attur, Violet Cutajar, sostniet it-tesi ta' l-attur – mhux għaliex taf li dak li stqarrew l-attur Carmel Cutajar u l-partner tiegħu Marlene Cutajar mhuwiex minnu, iżda għaliex hi miġġielda miegħu …Omissis…

Fir-realta missieru, kellu raġuni ċara għaliex ried lil ibnu l-esponent jiżżewweġ lill-konvenuta Josephine, għaliex b'hekk din il-persuna setgħet tkun parti miċ-ċirku ta' ġewwa.

L-istess ġara fil-każ ta' oħt l-attur Margaret Ciantar, li wkoll skjerat ruħha kontra ħuha. Skond hi l-esponent qatt ma semma li kien interessat f'terza persuna u b'dan hija riedet tagħti lill-Qorti l-impressjoni li dak li qal fl-affidavit tiegħu mhuwiex il-verità, li ċertament mhux il-każ.

Fis-sentenza stess tissemma ċirkostanza li waħedha tista' sservi biex turi li l-verżjoni ta' omm l-attur, Violet Cutajar, m'għadhiex mis-sewwa.

Intqal f'paġna 28 tas-sentenza appellata (b'riferenza għall-kawża l-oħra li mxiet ma' din) illi l-kredibilità ta' l-attur 'ġiet attakkata b'mod mill-iktar skjett u l-istess il-kredibilità tax-xhieda ta' Marlene Camilleri fuq l-istess punt hawn ikkonsidrat' u li l-istess nuqqas ta' kredibiltà ġiet sostnuta mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-istess sentenza

teaching regarding marriage as, a contract, this marriage was null. The fact that Marlene Camilleri, is still the partner of the plaintiff and they live together is the greatest proof that what should have been a marriage, is not marriage at law…Omissis…

3. The third grievance of the applicant regards the evaluation of the proof regarding the matter of his impotence. In the section (ii) Appreciation of the Proof Produced), the applicant notes regarding the matter of his impotence, that the Honourable First Court, referred exclusively to the DNA Testing Result, without referring also to the Medical Report of Professor Maurice Katz, …Omissis…

The omission of this proof in the deliberations of the Court of First Instance, impinges on the process of the determination of the dispute because this means that the Court of First Instance, omitted an important element in the cause of the plaintiff before her.

3.Regarding the valuation of the proof in general the Honourable Court of First Instance was also misled in the pursuit of truth by the fact that the mother of the same plaintiff due to the fact that they are not on good terms with the plaintiff and where always on the part of the defendant, testified in favour of the same defendant. The mother of the plaintiff, Violet Cutajar, supported the thesis of the plaintiff - not because she knows that what the plaintiff Carmel Cutajar and his partner Marlene Cutajar declared is not true, but because she is not on good terms with him …Omissis…

In reality his father had a clear reason why he wanted his son the applicant to marry the defendant Josephine, because thus this person could be part of the inner circle.

The same happened in the case of the sister of the plaintiff Margaret Ciantar, also opposed her brother. According to her the applicant never mentioned that he was interested in a third party and thus she wanted to give the Court the impression that what he said in his affidavit is not the truth, which is certainly not the case.

In the judgement itself there is mentioned a circumstance which on its own can serve to show that the version of the plaintiff's mother Violet Cutajar is not truthful.

It was stated at page 28 of the judgement appealed (with reference to another cause which concurrently followed this) that the credibility of the plaintiff was attacked very clearly and the same credibility of the evidence of Marlene Camilleri regarding the same point here considered and the same lack of credibility was upheld by the Honourable Court of Appeal

…Omissis…

Kif qalet l-istess Qorti f'paġna 26 tas-sentenza appellata fir-rigward tax-xhieda Louis Bugeja u Emmanuel Caruana, 'l-aħħar tnejn jgħidu li l-attur kien qalilhom li huwa żżewweġ lill-konvenuta biss għaliex beża u kien imġiegħel jagħmel hekk minn missieru'. Iżda dawn iż-żewġ xhieda ma qalux hekk biss, iżda qalu wkoll illi, fl-istess epoka taż-żwieġ tiegħu l-attur kien qed jiltaqa' fuq bażi regolari u kien qed ikollu relazzjoni ma' tfajla bl-isem ta' Marlene Camilleri mill-Belt.

L-esponent huwa raġel tal-familja, mhuwiex wieħed li jiġri man-nisa l-impieg tiegħu huwa f'lukanzda kbira viċin id-dar tiegħu, u huwa raġel li mid-dar għax-xogħol u mix-xogħol għad-dar …Omissis…

Kif setgħet allura l-Ewwel Onorabbli Qorti tgħid li ma temminx lill-attur u fl-istess waqt tgħid 'Anzi jidher li l-istess attur ammetta li ma kienx leali mal-konvenuta Ċ Jekk l-Ewwel Qorti rrikonoxxiet l-verżjoni ta' l-esponent bħal li seħħet tassew allura ma setgħetx ma tiddikjarax iż-żwieġ ma Josephine Xuereb, null stante li lejliet iż-żwieġ u l-għada taż-żwieġ l-attur kien qed jgħamel l-att taż-żwieġ ma' Marlene Camilleri.

Kien hemm biżżejjed provi quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti biex tikkonkludi li l-attur innifsu kellu nuqqas ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa u fuq l-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa u li għalhekk ma setax jagħti kunsens validu biex jiġi perfezzjonat dan is-Sagrament –Kuntratt.

Għaldaqstant l-esponent filwaqt li jagħmel riferenza għall-provi miġbura quddiem l-Ewwel Qorti u jirriżerva li jressaq provi oħra ammissibbli f'dan l-istadju skond il-liġi u filwaqt li jinterponi appell mis-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tas-27 ta' Ottubru 2005, fl-ismijiet premessi, jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, jogħġobha tirrevoka, tħassar u tannulla s-sentenza appellata u tiddikjara ż-żwieġ tal-kontendenti li sar fis-27 ta' April 1974 null u bla effett. Bl-ispejjeż.

Appellata: Josephine Cutajar, 2, Triq Vincenzo Bugeja, Floriana.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Appelli Superjuri) illum 8 ta' Novembru 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

in the same judgement …Omissis…

At the same Court upheld on page 26 of the judgement appealed as regards the evidence of Louis Bugeja and Emmanuel Caruana, the last two state that the plaintiff had told them that he married the defendant only because he was afraid and was forced to do so by his father. But these two witnesses did not only say this, but also stated that at the same time of his marraiage the plaintiff was regularly meeting and had a relationship with a girl with the name Marlene Camilleri from Valletta.

The applicant is a family man, and is not one who frequents women, his employment is in a large hotel near his house, and is a man who leaves home to go to work and back…Omissis…

How could the Honourable First Court state that it does not believe the plaintiff and at the same time state 'It also appears that the same plaintiff admitted that he was not loyal with the defendantĊ If the Court of First Instance acknowledged the version of the applicant as really happening thus it could not declare that the marriage with Josephine Xuereb null, since on the eve of the marriage and on the morrow of the marriage the plaintiff, was doing the matrimonial act, with Marlene Camilleri.

There was enough proof before the Honourable Court of First Instance, to conclude that the plaintiff himself had lack of discretion of judgement on married life on the essential elements of married life and thus could not give valid consent so that this Sacrament-Contract be perfected.

Thus the applicant whilst referring to the proof produced before the First Court and reserving to bring further admissible proof at this stage according to law and whilst filing an appeal from this judgement of the Civil Court (Family Section) of the 27th October 2005, in the names premised, prays with respect that this Honourable Court, revokes, cancels and annuls, the judgement appealed and declare the marriage of the parties which was celebrated on the 27th April 1974 null and without effect. With costs.

Respondent: Josephine Cutajar, 2, Vincenzo Bugeja Street, Floriana.

Registry of the Civil Courts (Superior Appeals) today 8th November 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1694

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-25 ta' Settembru 2006, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom plc (C22334) ta' Spencer Hill, il-Marsa, ippreżentaw Talba, fil-11 ta' April 2006, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Clednef Limited (C29470) ta' 55, Triq Isouard, Sliema, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' ħames mija u tmienja u erbgħin lira Maltija u tlieta u tletin ċenteżmu (Lm548.33) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (329/06DC) hija differita għall-20 ta' Novembru 2006 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 9 ta' Novembru 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 25th September 2006, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom plc (C22334) of Spencer Hill, Marsa, filed a Claim on the 11th April 2006 whereby they asked the Tribunal to condemn Clednef Limited (C29470) of 55, Triq Isouard, Sliema, to pay the plaintiff company the sum of five hundred and forty eight Maltese liri and thirty three cents (Lm548.33) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 329/06DC) is put off on the 20th November 2006 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 9th November 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1695

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-25 ta' Settembru 2006, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Civili (Kap. 12).

Maltacom plc (C22334) ta' Spencer Hill, il-Marsa, ippreżentaw Talba, fil-5 ta' April 2006, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Joanne Debono (ID456870M) ta' 17B, Flat 3, Triq l-Ibjar, Valletta, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tliet mija u tnejn u erbgħin lira Maltija u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (Lm342.54) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (294/06DC) hija differita għall-20 ta' Novembru 2006 fis-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 9 ta' Novembru 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 25th September 2006, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom plc (C22334) of Spencer Hill, Marsa, filed a Claim on the 5th April 2006 whereby they asked the Tribunal to condemn Joanne Debono (ID456870M) of 17B, Flat 3, Triq l-Ibjar, Valletta, to pay the plaintiff company the sum of three hundred and forty two Maltese liri and fifty four cents (Lm342.54) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 294/06DC) is put off on the 20th November 2006 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 9th November 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1696

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim' Awla permezz ta' digriet mogħti fit-18 ta' Novembru 2005, fl-atti tal-kawża Ċitazzjoni Nru 799/2005 RCP, ismijiet Massa Carmel et vs id-Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut Thomas Ebejer, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Carmel u Josephine konjugi Massa, ID Nru 243252(M) u 6221955(M) rispettivament, ippreżentaw Ċitazzjoni fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fil-31 ta' Awissu 2005, kontra d-Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Thomas Ebejer għal kull interess li jista' jkollu, fejn talbu il-konvenuti għaliex dina l-Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara illi l-allokazzjoni tal-fond di proprjetà ta' l-atturi sitwat f'51, ġa 24, Mdina Road, Naxxar, lill-konvenut Thomas Ebejer, il-konvenut id-Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali, mexa bi ksur ta' l-obbligi tiegħu u tad-drittijiet ta' l-atturi ai termini tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 3(6) ta' l-Att dwar id-Djar;

2. Tiddikjara konsegwentement illi l-allokazzjoni tal-fond de quo lill-konvenut Thomas Ebejer, hija nulla u bla effett fil-Liġi;

3. Tordna konsegwentement illi l-fond de quo jiġi allokat lill-atturi għal kull fini u effett tal-Liġi;

4. Tiddikjara illi bħala riżultat ta' l-allokazzjoni illegali u abbużiva tal-fond de quo u bħala riżultat ta' l-aġir tal-konvenut Thomas Ebejer, kif fuq premess, l-atturi soffrew id-danni;

5. Tillikwida okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, id-danni kollha sofferti mill-atturi, kif fuq premess;

6. Tordna lill-konvenuti jew min minnhom iħallsu lill-atturi dawk id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjeż, kontra l-konvenuti li jibqgħu minn issa inġunti għas-subizzjoni.

Konvenuti: Thomas Ebejer, 51, Mdina Rd, Naxxar.

Il-kawża Ċitazzjoni Nru 799/2005 RCP, fl-ismijiet Massa Carmel et id-Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali et, tinsab differita għall-21 ta' Novembru 2006, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 9 ta' Novembru 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree on the 18th November 2005, in the records of the case Writ of Summons No. 799/2005 RCP, in the names Massa Carmel et vs The Director of Social Housing et, ordered the following publication for the purpose of service of the defendant Thomas Ebejer, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

Carmel and Josephine spouses Massa, ID Number 243252(M) and 6221955(M) respectively, filed a Writ of Summons in the First Hall Civil Court, on the 31st August 2005, against the Director of Social Housing and Thomas Ebejer for any interest he may have, whereby they asked the defendants why this Court should not;

1. Declare that with the allocation of the premises property of the plaintiffs situated at 51, previously 24, Mdina Road, Naxxar, to the defendant Thomas Ebejer, the defendant Director for Social Housing, proceeded in violation of his obligations and the rights of the plaintiffs in terms of the provisions of Article 3(6) of the Housing Act;

2. Declare consequently that the allocation of the premises de quo to the defendant Thomas Ebejer, is null and without effect at Law;

3. Consequently order that the premises de quo be allocated to the plaintiffs for all intents and purposes of law;

4. Declare that as a result of the illegal and abusive allocation of the premises de quo and as a result of the behavior of the defendant Thomas Ebejer, as above premised, the plaintiffs suffered damages;

5. To liquidate if necessary with the appointment of referees all the damages suffered by the plaintiffs as above premised;

6. To order the defendants or either of whom to pay the plaintiffs the damages so liquidated.

With costs, against the defendants who are summoned so that a reference to their evidence be made.

Defendants: Thomas Ebejer, 51, Mdina Rd, Naxxar.

The case Writ of Summons Number 799/2005 RCP, in the names Massa Carmel et vs Diretor of Social Housing et, has been put off to the 21st November 2006, at 9.00 am.

Registry of the Superior Courts, today 9th November 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1697

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fid-19 ta' Ġunju 2006, fl-atti tar-Rikors Numru 389/06 FS, fl-ismijiet Caruana Ronnie vs JDC Company Limited (C 12753) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà konvenuta a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fil-5 ta' Mejju 2006, fl-ismijiet Ronnie Caruana (ID 43469M) vs JDC Company Limited (C -12753) ir-rikorrenti Ronnie Caruana, espona bir-rispett u ikkonferma bil-ġurament;

Illi l-esponenti huwa kreditur tas-soċjetà intimata fis-somma ta' erbgħin elf lira (Lm40,000) flimkien mal-imgħax fuq l-istess somma bir-rata ta' tmienja fil-mija fis-sena (8%) b'effett mill-1 ta' Jannar 2004, liema debitu huwa ċert, likwidu u dovut u naxxenti minn att ippubblikat minn Nutar Pierre Cassar, fit-28 ta' Diċembru 2003, u dana minkejja ittra interpellatorja tat-18 ta' April 2006, kopja Dok. B.

Illi l-esponenti jixtieq jerġa' jirrendi l-istess pubbliku titolu eżekuttiv stante li għaddew iżjed minn ħames snin minn meta seta' jiġi eżegwit.

Għaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett kollu li dina l-Qorti tawtorizza l-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv naxxenti mill-imsemmi att pubbliku a tenur ta' l-Artikolu 258 tal-Kap. 12.

Bl-ispejjeż.

Intimata: 21, Dolmen Court, Triq Għawdex, Qawra, San Pawl il-Baħar.

Ir-Rikors Numru 389/06 FS, fl-ismijiet Caruana Ronnie vs JDC Company Limited (C 12753) jinsab differit għall-14 ta' Diċembru 2006, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 9 ta' Novembru 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Civili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 19th June 2006, in the records of the Application Number 389/06 FS, in the names Caruana Ronnie vs JDC Company Limited (C 12753) ordered the following publication for the purpose of the defendant company in terms of Article 187(3) of Chapter 11.

By means of an Application filed in the First Hall Civil Court, on the 5th May 2006, in the names Ronnie Caruana (ID 43469(M) vs JDC Company Limited (C -12753) the applicant Ronnie Caruana, pleaded with respect and confirmed under oath;

That the applicant is a creditor of the respondent company in the sum of forty thousand Maltese Liri (Lm40,000) together with interest on the same sum at the rate of eight per cent per annum (8%) with effect from the 1st January 2004, which debt is certain, liquid and due and results from a deed published by Notary Pierre Cassar on the 28th December 2003 and this despite the interpellatory letter of the 18th April 2006, copy Doc. B.

That the applicant wishes to render the same public title, executive, since there passed more than five years from when it could have been executed.

Thus the applicant prays with respect that this Court authorizes the execution of the executive title resulting from the said public deed in terms of Article 258 of Chapter 12.

With costs.

Respondent: 21, Dolmen Court, Gozo Street, Qawra, Saint Paul's Bay.

The Application Number 389/06 FS, in the names Ronnie Caruana vs JDC Company Limited (C 12753) has been put off to the 14th December 2006, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 9th November 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1698

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim'Awla permezz ta' digriet mogħti fid-19 ta' Ġunju 2006, fl-atti tar-Rikors 107/06 FS, fl-ismijiet Gasan Properties Limited (C 2) vs Risiott Marco, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ġuramentat, ippreżentat fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fit-13 ta' Frar 2006, fl-ismijiet Gasan Properties Limited (C 2) kontra Marco Risiott (karta ta' l-identità numru 262764(M), is-soċjetà rikorrenti Gasan

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 19th June 2006, in the records of the Application 107/06 FS, in the names Gasan Properties Limited (C 2) vs Risiott Marco, ordered the following publication for the purpose of service of the defendant in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court on the 13th February 2006, in the names Gasan Properties Limited (C 2) against Marco Risiott (Identity Card number 262764(M), the applicant company Gasan Properties

Properties Limited, kif rappreżentata minn Mark Gasan li espona bir-rispett;

1. Illi l-intimat Marco Risiott qiegħed jokkupa mingħajr ebda titolu validu fil-liġi l-fond 'Sylvia Flats', Flat 7, Triq Emmanuel Galizia, Ta' Xbiex;

2. Illi l-intimat ilu hekk jokkupa l-fond 'Sylvia Flats', Flat 7, Triq Emmanuel Galizia, Ta' Xbiex, mingħajr ebda titolu validu fil-liġi u b'mod abbużiv sa mis-7 ta' Diċembru 2004;

3. Illi l-fatti hawn fuq dikjarati huma a konoxxenza personali ta' Mark Gasan illi qiegħed jaħlef dan ir-rikors.

Jgħid għalhekk l-intmat għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

a) Tiddikjara li l-intimat okkupa l-fond surriferit mingħajr titolu validu fil-liġi mis-7 ta' Diċembru 2004, sad-data ta' l-iżgumbrament effettiv li b'hekk hu kawża danni lis-soċjetà rikorrenti;

b) Tikkundannah jiżgombra fi żmien qasir u perentorju mill-appartament 'Sylvia Flats', Flat 7, Triq Emmanuel Galizia, Ta' Xbiex, billi qiegped jokkupah mingpajr ebda titolu validu fil-liġi;

ċ) Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti minħabba okkupazzjoni illeġittima ta' l-intimat tal-fond 'Sylvia Flats' Flat 7, Triq Emmanuel Galizia, Ta' Xbiex. Għall-perjodu bejn is-7 ta' Diċembru 2004, sad-data ta' l-iżgumbrament effettiv; u

d) Tikkundanna lill-istess intimat iħallas lis-soċjetà rikorrenti d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjeż, kontra l-intimat li sa minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni.

Lista ta' Xhieda.

Lista ta' Dokumenti.

Intimat: 'Sylvia Flats' Flat 7, Triq Emmanuel Galizia, Ta' Xbiex.

Ir-Rikors Numru 107/2006 FS, fl-ismijiet Gasan Properties Limited (C 2) vs Risiott Marco, jinsab differit għall-15 ta' Novembru 2006, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 9 ta' Novembru 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Limited, as represented by Mark Gasan who respectfully pleaded;

1. That the respondent Marco Risiott is occupying without any valid title at law the premises 'Sylvia Flats' Flat 7, Emmanuel Galizia Street, Ta' Xbiex;

2. That the respondent has been occupying the premises 'Sylvia Flats', Flat 7, Emmanuel Galizia Street, Ta' Xbiex, without any valid title at law and in an abusive manner since the 7th December 2004;

3. That the facts above declared are personally known by Mark Gasan who is swearing this application.

Thus the respondent is to state why this Honourable Court should not:

a) Declare that the respondent is occupying the premises above mentioned without a valid title at law from the 7th December 2004, till the date of effective eviction and that thus he caused damages to the applicant company;

b) Condemn him to vacate within a short and peremptory period the apartment 'Sylvia Flats', Flat 7, Emmanuel Galizia Street, Ta' Xbiex, as he is occupying it without any valid title at law;

c) Liquidate the damages suffered by the applicant due to illegal occupation by the respondent of the premises 'Sylvia Flats', Flat 7, Emmanuel Galizia Street, Ta' Xbiex, for the period between the 7th December 2004, till the date of effective eviction; and

d) Condemn the same respondent to pay the applicant company the damages so liquidated.

With costs against the respondent who from now is summoned so that a reference to his evidence be made.

List of Witnesses.

List of Documents.

Respondent: 'Sylvia Flats', Flat 7, Emmanuel Galizia Street, Ta' Xbiex.

The Application Number 107/2006 FS, in the names Gasan Properties Limited (C 2) vs Risiott Marco has been put off to the 15th November 2006, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 9th November 2006.

ADV.DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*